# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 50/2013 JRM**

**Emanuel Camilleri**

***v.***

**Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija; u b'dikriet tas-6 ta' Mejju 2014 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali safejn dik is-sentenza ċaħdet talba tiegħu għal dikjarazzjoni li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u l-jedd għall-ħajja personali u għall-ħajja tal-familja, imħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, u biex jingħata rimedju, u huwa wkoll appell inċidentali tal-Kummissarju tal-Pulizija mill-istess sentenza safejn din ħassret sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fi proċeduri kontra l-attur.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: L-attur kien mixli b'korruzzjoni ta' waħda minn uliedu, li dak iż-żmien kienet minorenni. Instab ħati b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2012, konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013. Ġie kundannat għal erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija u ismu tniżżel fir-reġistru mwaqqaf taħt l-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri ["Kap. 518"]. Fost ix-xiehda li wasset għall-kundanna tal-attur kien hemm dik ta' bintu li allegatament kienet il-vittma.

3. Billi deherlu illi nstab ħati ħażin, kemm minħabba dak li lill-attur deherlu li kienet imġiba ħażina tal-konvenuta Spettur Calleja, li mexxiet il-prosekuzzjoni, u kemm minħabba l-mod kif tmexxew il-proċeduri quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

»i. tiddikjara illi l-esponent ma kellux smigħ xieraq kif garantit bl-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta[1] u tordna li l-proċeduri jiġu ddikjarati li huma leżivi tal-garanziji maħsuba fl-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 u konsegwentement jiġu dikjarati invalidi;

»ii. tiddikjara illi d-dritt tal-esponent għall-ħajja personali u għall-ħajja tal-familja kif garantit bl-artikolu 8 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet[2] ġie vvjolat fil-konfront tiegħu;

»iii. tiddikjara l-Iskeda II tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta tikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, senjatament l-artikolu 8 tal-Kapitolu 319;

»iv. tordna t-tħassir ta' ismu minn fuq ir-reġistru msemmi fil-Kapitolu 518 tal-Liġijiet;

»v. tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu.«

4. Ġara li, wara li nfetħet din il-kawża iżda qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, bint l-attur stqarret li kienet xehdet il-falz kontra tiegħu u nstabet ukoll ħatja ta' hekk b'sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

5. L-ewwel qorti fissret il-fatti u l-liġi u qatgħet il-kawża hekk:

»Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent kien ġie mixli b'reati fil-konfront ta' waħda minn uliedu (dak iż-żmien minuri) u nstab ħati tal-akkużi li tressqu kontrih b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, liema sentenza kienet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju tal-2013. Huwa ntbagħat il-ħabs għal erbgħa u għoxrin (24) xahar u ngħata ordni biex ismu jitqiegħed fuq il-lista ta' pedofili skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi nstab ħati ħażin kemm minħabba l-imġiba tal-intimata Spettur Calleja u kif ukoll mill-mod kif il-kawża tmexxiet quddiem iż-żewġ qrati. Minbarra dan, jgħid li l-fatt li ismu tqiegħed fir-reġistru tal-pedofili jġiblu ksur tal-jedd tiegħu għall-ħarsien ta' ħajja privata. Irid li l-qorti ssib li l-proċedimenti kollha fil-qrati ta' kompetenza kriminali u s-sentenzi mogħtija jitqiesu bla siwi, li ismu jitħassar mill-imsemmi reġistru, u li jingħata kumpens għall-ksur li ġarrab tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;

1 *Recte*, l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali meħmuża bħala l-Ewwel Skeda mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta].

2 *Recte*, l-art. 8 tal-Konvenzjoni mehmuża bħala l-Ewwel Skeda mal-Kap. 319.

»Illi għall-imsemmija azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni attriċi hija fiergħa u abbużiva billi saret bil-għan biss bħala mod kif ir-rikorrent jipprova jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li saret ġudikat, u dan billi jipprova jtebba' lill-prosekuzzjoni, lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u lill-istess Qorti tal-Appell Kriminali b'allegazzjonijiet serji u inġurjużi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li x-xiljiet kollha li jagħmel ir-rikorrent huma kollha mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt. Dwar l-ilment tal-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, l-intimati jgħidu li l-fatt li l-ilmenti jew id-difiżi mressqa mir-rikorrent quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali ma ntlaqgħux ma jġibx b'daqshekk ksur tel-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. L-intimata Calleja, bħala uffiċjal prosekutur, kienet qiegħda twettaq dmirha u dan għamlitu b'mod lejali. L-aċċertamenti magħmulin miż-żewġ qrati fir-rispettivi sentenzi li taw kienu r-riżultat ta' aċċertament probatorju xieraq. Dwar l-ilment tal-ksur tal-jedd għall-ħajja privata u l-familja, l-intimati jgħidu li t-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 518 huwa effett dirett tas-sentenza li ngħatat kontra r-rikorrent u dan ma jġibx ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu, għaliex dak l-Att iddaħħal fis-seħħ sewwasew biex iħares u jipproteġi lill-minuri u d-disposizzjonijiet tal-istess Att ma jistgħux jitqiesu bħala indħil sproporzjonat għad-drittijiet tal-persuna li tkun instabet ħatja. Temmew jgħidu li ż-żamma ta' tagħrif f'reġistru dwar persuna li tkun instabet ħatja dwar xi reat preskritt f'dik il-liġi wara l-għoti ta' sentenza li tkun saret ġudikat u b'riżultat ta' proċess ġudizzjarju mmexxi kif imiss ma tistax titqies bħala *miscarriage of justice*;

»Illi l-fatti rilevanti li jsawru ċ-ċirkostanzi ta' din il-kawża juru li r-rikorrent kien iżżewweġ lil waħda Lisa Camilleri f'Novembru tal-1992 u minn dak iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, li jisimhom Leanne u Luke. Iż-żwieġ ma rnexxiex u nqala' disgwid bejn ir-rikorrenti u martu, u nfirdu fil-fatt. Huma nfirdu legalment f'Novembru tal-2001 u t-tfal baqgħu fil-kustodja ta' ommhom b'jedd ta' aċċess għalihom mir-rikorrent, kif maqbul bejniethom f'kuntratt ta' firda personali li sar fit-13 ta' Novembru ta' dik is-sena;

»Illi fil-bidu tal-2002, Lisa Camilleri kienet qabbdet avukat biex jgħarraf lis-surmast tal-iskola fejn kienu jmorru wliedha (dak iż-żmien kienu joqogħdu Marsaxlokk) biex ma tħallix lir-rikorrent ikellimhom jew jitħallew jersqu lejh. Dan għamlitu wkoll fir-rigward tas-superjuri tal-fergħa tal-*MUSEUM* ta' Marsaxlokk fejn saret ukoll l-allegazzjoni li r-rikorrent kien abbuża sesswalment minn uliedu;

»Illi fis-6 ta' Novembru tal-2002, ir-rikorrent kien ressaq l-ewwel kwerela kontra martu Lisa talli din xerrdet qlajja' li hu kien ibagħbas lil binthom;

»Illi fit-30 ta' April 2003, ir-rikorrent ressaq kwerela fil-konfront ta' martu Lisa talli inġurjatu meta allegat li huwa bagħbas sesswalment lil bintu Leanne. B'riżultat tal-imsemmija kwerela, il-Pulizija Eżekuttiva nediet proċedura fil-Qorti tal-Maġistrati kontra Lisa Camilleri, imma fis-smigħ tat-23 ta' Marzu 2004, il-kwerelant (permezz ta' dikjarazzjoni tal-avukat difensur tiegħu) irtira l-kwerala u l-qorti tat il-provvediment relattiv;

»Illi fil-15 ta' Ottubru 2003, min-naħa l-oħra, Lisa Camilleri ressqet rapport mal-Aġenzija *Appoġġ* b'xiljiet li żewġha r-rikorrent kien stupra lil binthom minuri, Leanne. Fil-21 ta' Novembru 2003, hija awtorizzat

lill-aġenzija biex jgħaddu t-tagħrif meħtieġ dwar bintha lill-pulizija biex "ikunu jistgħu jressqu l-każ il-qorti";

»Illi fuq rapport li waslilhom mill-Aġenzija *Appoġġ* bid-data tat-2 ta' Diċembru 2003, il-pulizija nedew proċeduri kontra r-rikorrent. L-intimata Calleja, li dak iż-żmien kienet fit-taqsima tal-Iskwadra kontra l-Vizzji, kienet inkarigata mill-istħarriġ;

»Illi fit-3 ta' Diċembru 2003, Lisa Camilleri ressqet rikors fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex titlob li, fid-dawl tax-xiljiet li saru minn bintha dwar l-imġiba ta' missierha magħha, dik il-qorti twaqqaf lir-rikorrent milli jkollu iżjed aċċess għal uliedu;

»Illi fil-11 ta' Diċembru 2003, nżamm eżami mediku (*Gynae EUA*, jiġifieri intervent taħt l-oppju) fuq il-persuna ta' Leanne Camilleri fl-Isptar San Luqa, li ta riżultati aġġornati tal-qagħda intima tagħha;

»Illi fis-26 ta' Frar 2004, ir-rikorrent kien għamel stqarrija lill-pulizija li fiha ripetutament ċaħad kull xilja li kienet saritlu dwar abbuż fuq bintu. Fid-19 ta'April, 2004, mart ir-rikorrent ressqet dikjarazzjoni biex titlob biex ma jittieħdu l-ebda passi kriminali kontra żewġha, minkejja li ma kienet qiegħda tiċħad xejn minn dak li kienet irrappurtat lill-Aġenzija *Appoġġ*, u dan "għar-raġuni li binti Leanne Camilleri għamlet progress kbir u ma nixtieqx li nerġa' nara(ha) tgħaddi minn trauma li għaddiet minnu diġà";

»Illi fit-8 ta' Lulju tal-2004, inħarġet iċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li biha r-rikorrent kien mixli li fis-sena 2002 u fix-xhur ta' qabel (i) b'għemil żieni ikkorrompa lil bintu minuri Leanne Camilleri, (ii) li żamm jew issekwestra lill-istess bintu minuri kontra r-rieda tagħha sabiex bħala mara iġegħelha tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha; u (iii) li ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna tal-istess minuri;

»Illi r-rikorrent (imputat) tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-17 ta' Settembru 2004, u wieġeb li ma kienx ħati tal-akkużi mressqa kontrih. Dakinhar, l-avukat difensur tiegħu talab lill-qorti tordna divjet li jixxandar isem l-imputat u dik il-qorti laqgħet it-talba;

»Illi l-Qorti Istruttorja semgħet bosta xhieda marbuta mal-każ, fosthom kemm lil Leanne (f'minn tal-anqas tliet udjenzi u darb'oħra f'konfront ma' zitha materna) u kif ukoll lil ħuha Luke. Ir-rikorrent ukoll ta x-xiehda tiegħu fuq insistenza tiegħu stess;

»Illi b'degriet tas-17 ta' Novembru 2004, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex ir-rikorrent jitqiegħed taħt att tal-akkuża;

»Illi b'dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tiegħu waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju 2005, ir-rikorrent ma ġabx oppożizzjoni li l-każ ikun trattat bil-proċedura sommarja;

»Illi fi smigħ wara dik id-dikjarazzjoni, ir-rikorrent ressaq talba biex il-qorti tordna lill-uffiċjal prosekutur tinvestiga lil Lisa Camilleri dwar allegat swat fuq uliedha;

»Illi b'degriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Diċembru 2005, fuq talba tad-difiża u mhux opposta la mill-prosekuzzjoni u lanqas mill-'parti ċivili', inħatar il-

psikjatra Dottor George Debono biex jeżamina lil Leanne Camilleri. L-imsemmi perit ressaq ir-rapport tiegħu fit-3 ta' Mejju, 2006;

»Illi fuq talba magħmula mid-difiża b'rikors tagħha tal-11 ta' Mejju 2006, b'degriet tal-11 ta' Lulju 2007 il-Qorti tal-Maġistrati ħatret lil Carmen Sammut bħala esperta biex tagħmel *psychometric test* fuq Leanne Camilleri. L-imsemmija esperta ressqet ir-rapport tagħha fit-22 ta' Novembru 2007 u xehdet dwar ir-riżultanzi;

»Illi waqt li l-każ tar-rikorrent kien f'dak l-istadju tat-trattazzjoni, fil-21 ta' Awwissu tal-2007, l-Avukat Stephanie Galea, Avukat tat-Tfal, ressqet rikors biex il-Qorti tal-Maġistrati tieħu qies ta' rapport (mehmuż mal-istess rikors) li hija kienet għamlet wara li kellmet lil bint ir-rikorrent ħmistax-il (15) jum qabel u li matul dik il-laqgħa tgħid li bint ir-rikorrent kien sogħob biha li qalgħet xilja kontra missierha li ma kenitx minnha u tatha raġunijiet għalfejn kienet għamlet hekk;

»Illi l-imsemmija avukat tgħid li tqabbdet direttament mill-ministru biex tistħarreġ il-każ u mhux mill-qorti, imma l-laqgħa ma' bint ir-rikorrent żammitha fil-bini tal-qorti;

»Illi fid-dawl ta' l-imsemmi rapport, il-Qorti tal-Maġistrati semgħet lill-Avukat tat-Tfal tixhed quddiemha waqt smigħ miżmum għal dan il-għan fit-22 ta' Novembru 2007, u ordnat it-tneħħija tiegħu mill-atti tal-kawża. Minħabba din iċ-ċirkostanza, il-Qorti tal-Maġistrati reġgħet semgħat lil Leanne Camilleri, lil ħuha Luke Camilleri u lill-Avukat tat-Tfal jagħtu x-xiehda tagħhom;

»Illi fil-każ ta' Luke Camilleri, iben ir-rikorrent, l-Avukat tat-Tfal kienet tqabbdet mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) b'degriet tal-11 ta' Awwissu 2010, u kienet laħqet kellmitu u fasslet rapport dwar dak li qalilha f'laqgħa li kellha miegħu fl-isptar fejn kien rikoverat u ressqet ir-rapport tagħha lil dik il-qorti fis-7 ta' Ottubru 2010. Din il-laqgħa kienet xi tliet (3) snin wara li kienet kellmet lil oħtu, imma kien ukoll fiż-żmien li kien għadu għaddej jinstema' l-każ kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara li l-partijiet kienu ressqu s-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom u saret it-trattazzjoni ulterjuri. It-tifel laħaq miet ta' erbatax-il (14) sena f'Diċembru tal-2010, wara li nħakem minn marda qerrieda;

»Illi bejn il-5 ta' Ġunju 2009 u l-1 ta' Marzu tal-2010, Leanne Camilleri kienet toqgħod f'dar *Conservatorio Vincenzo Bugeja – Jeanne Antide Home* taħt il-ħarsien tal-Fundazzjoni *Fejda* wara li kienet saritilha riferenza mill-Aġenzija *Appoġġ* fuq talba li saret minn ommha. Matul dak iż-żmien kien hemm episodji fejn kien meħtieġ l-intervent ta' tobba jew speċjalisti minħabba l-imġiba li wriet. Matul iż-żmien saru għadd ta' laqgħat regolari magħha mis-*social workers* imqabbdin dwar il-każ tagħha. Kien matul dak iż-żmien ukoll li, għal madwar tlitt (3) ijiem, ittieħdet għal osservazzjoni fl-Isptar *Monte Carmeli*. Leanne inħarġet minn dik id-dar fuq talba li għamlet ommha li għarrfet lid-diriġenti li kienet ser teħodha tgħix magħha mill-ġdid fid-dar tagħha;

»Illi b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2011, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi mressqa kontrih u ikkundannatu għal żmien ta' priġunerija ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar;

»Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju, 2013, l-appell imressaq mir-rikorrent ma ntlaqax u s-sentenza mogħtija

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet konfermata għal kollox;

»Illi fil-5 ta' Mejju 2013, l-avukat tar-rikorrent bagħat ittra lil Leanne Camilleri biex jgħarrafha bis-sentenza li ngħatat u biex jappellalha toħroġ u tgħid is-sewwa;

»Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fil-11 ta' Lulju tal-2013;

»Illi fit-30 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent ippreżenta kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jitolbu jieħu passi bil-qorti kontra bintu Leanne Camilleri minħabba li xehdet il-falz kemm fil-proċeduri quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali u kif ukoll f'din il-kawża quddiem din il-qorti;

»Illi fi Frar tal-2014, fuq rikors imressaq mir-rikorrent fil-5 ta' Frar 2014, infetħet inkjesta maġisterjali dwar xiljiet ta' sperġur fil-kawżi tiegħu min-naħa ta' bintu Leanne Camilleri. L-inkjesta maġisterjali ngħalqet fis-27 ta' Mejju 2014, u l-atti tal-inkjesta ntbagħtu għand l-Avukat Ġenerali. Matul l-imsemmija inkjesta, il-maġistrat inkwirenti kienet semgħet ix-xiehda taħt ġurament ta' Leanne Camilleri li matulha, għall-ewwel, baqgħet ittenni li x-xiehda li tat fil-kawżi kontra missierha kienet minnha, imma, aktar tard, stqarret, fost ħwejjeġ oħra, li ma kienx minnu li missierha kien abbużaha. Il-maġistrat inkwirenti kienet semgħet ukoll ix-xiehda ta' Lisa Camilleri;

»Illi fit-28 ta' Mejju 2014, infetħu proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kemm kontra Leanne Camilleri u kif ukoll kontra ommha Lisa Camilleri;

»Illi fit-30 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex, għar-raġunijiet hemm imsemmija, jitlob li dik il-qorti tordna li huwa jinġieb quddiemha u tordna l-iskarċerazzjoni tiegħu minnufih. B'degriet mogħti dakinhar stess u wara li żammet smigħ, dik il-qorti astjeniet milli tqis ir-rikors imressaq quddiemha, għar-raġunijiet hemm imsemmija;

»Illi fit-12 ta' Ġunju 2014, ir-rikorrent ressaq talba oħra quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex terġa' tiftaħ il-proċeduri kriminali kontrih, fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew wara li kienet ingħatat is-sentenza dwar l-appell tiegħu minn dik l-istess qorti. Dik il-qorti ċaħdet it-talba tiegħu b'degriet tal-20 ta' Ġunju 2014, billi qalet li "ma għandha ebda poter skont il-liġi li terġa' tiftaħ il-każ in eżami";

»Illi b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Settembru 2014, u wara li kienet reġistrata ammissjoni min-naħa tal-akkużata Leanne Camilleri, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitha ħatja (safejn ix-xiljiet jirreferu għal għemejjel imwettqin minnha wara s-7 ta' Jannar 2008) ta' wħud mill-akkużi li saru kontriha, rigwardanti l-għoti min-naħa tagħha ta' xiehda falza quddiem il-qrati, u ngħatat is-sanzjonijiet hemm preskritti;

»Illi tnedew ukoll proċeduri quddiem l-istess qorti kontra Lisa Camilleri li għadhom għaddejjin;

»Illi wara li saret din il-ġabra tal-provi u ċirkostanzi fattwali, il-qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu l-każ. Tajjeb li ttenni li r-rikorrent isejjes l-azzjoni tiegħu fuq ilment ta' ksur ta' żewġ jeddijiet fundamentali: il-jedd għal smigħ xieraq u l-jedd għall-ħarsien u r-rispett tal-ħajja privata. Ir-rikorrent joqgħod fuq id-dis-

posizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni, jiġifieri l-artikoli 6 u 8 tagħha, kif inkorporati fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi huwa xieraq li l-qorti tqis l-ewwel l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward, sa mill-bidunett tal-kawża, ir-rikorrent isejjes il-każ tiegħu fuq disa' (9) ċirkostanzi li, f'uħud minnhom, jirreferu għall-intimata Spettur Calleja, filwaqt li f'uħud oħrajn jirreferu għall-qrati ta' kompetenza kriminali u s-sentenzi li taw b'rabta mal-akkużi magħmula kontrih. Fil-qosor, l-imsemmija ċirko-stanzi jinġabru kif ser jingħad: (a) li l-intimata Spettur Calleja ma mxietx b'mod onest mar-rikorrent fil-mod kif mexxiet il-prosekuzzjoni tal-każ kontrih u b'xi deċiżjonijiet li ħadet matul dawk il-proċeduri; (b) li l-intimata Spettur Calleja sa mill-bidu kellha dubji serji dwar kemm Leanne Camilleri, bint ir-rikorrent, kienet qiegħda tgħid is-sewwa; (ċ) li l-intimata Spettur Calleja sfidat fatti dokumentati li joħorġu minn atti ġudizzjarji awtentiċi; (d) li kemm il-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali warrbu u sfilzaw xiehda mogħtija *in articulo mortis* minn ibnu Luke, liema twarrib ġablu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, jew deliberatament injoraw xiehda jew episodji rilevanti fil-konsider-azzjonijiet tagħhom; (e) li l-qrati involuti warrbu t-tħaris tal-prinċipji tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tal-massima *in dubio pro reo*; (f) li l-qorti għamlitha possibbli u aċċettabbli li kelmet Leanne Camilleri waħedha tkun biżżejjed biex twassal għal sejbien tal-ħtija tiegħu; (ġ) li kien hemm nuqqasijiet u irregolaritajiet oħrajn fil-proċess imniedi kontrih li wasslu biex kisru l-prinċipji ta' smigħ xieraq u ċaħħdulu dak il-jedd; u (ħ) li l-Qorti tal-Appell Kriminali, bla ma kienet semgħet lil Leanne Camilleri tixhed quddiemha, għażlet li toqgħod għal kollox fuq ix-xiehda "inveritiera u falza" tagħha;

»Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> »"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn tribunal indipen-denti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tip-preġudika l-interessi tal-ġustizzja;
>
> »"(2) Kull min ikun akkużat b'xi reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skond il-liġi;
>
> »"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
>
> > »"(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;
> >
> > »"(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
> >
> > »"(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux meżżi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali,

din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

»"(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

»"(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti";

»Illi r-rikorrent jisħaq li, fil-każ tiegħu, ma kellux smigħ xieraq għaliex instab ħati bla ma kellu jinstab ħati. Huwa jgħid li seħħet *wrongful conviction*, li jsejħilha l-"antiteżi ta' smigħ xieraq". Dan jgħid li ġara kemm minħabba li l-prosekuzzjoni naqset li tgħarraf lill-qorti bi ħwejjeġ li setgħu kienu ta' fejda għad-difiża tiegħu u kif ukoll billi l-qorti mxiet b'mod li ġabet fix-xejn it-tħaddim tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza;

»Illi l-qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom. B'mod partikolari ngħad li ".. .. d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenza fil-mertu, iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-qorti, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea"[3]. Il-qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq tista' madankollu tifli l-atti proċesswali tal-kawża li fiha jitnissel dak l-ilment u kif ukoll il-mertu maqtugħ f'dak il-proċediment, safejn l-ilment jimpinġi fuq xi jedd tal-individwu li r-raġunament tal-qorti kien arbitrarju jew irraġonevoli għal kollox. Imma, il-fatt waħdu li r-rikorrent jisħaq li huwa innoċenti tal-akkużi li dwarhom instab ħati ma jissarrafx fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Jeħtieġ jintwerew raġunijiet aqwa minn hekk u l-piż li jintwerew dawn ir-raġunijiet jaqa' fuq ir-rikorrent li jallega l-ksur tal-jedd;

»Illi fil-każ li din il-qorti għandha quddiemha, hemm żewġ ħwejjeġ li jispikkaw u li ikkaratterizżaw il-qofol tal-kwestjonijiet missielta f'din li r-rikorrent isejjaħ "ir-reġina tal-kawżi". L-ewwel waħda hija l-kwestjoni ta' kemm kienet ta' min jemminha lil bint ir-rikorrent, Leanne Camilleri, li kienet ix-xhud ewlenija tal-każ kontra missierha, sewwasew minħabba n-natura tal-akkużi li bihom kien mixli. It-tieni waħda hi li l-imsemmija xiljiet wasslu għal sejbien ta' ħtija b'sentenzi tal-ewwel u t-tieni grad li llum jagħmlu ġudikat;

---

3 <u>*J.E.M. Investments Limited v.*</u> <u>Avukat Ġenerali *et*</u>, Kost. 30 ta' Settembru 2011,

»Illi l-qorti fliet b'reqqa l-atti kollha tal-proċedimenti mnedija fir-rigward tar-rikorrent biex tara sewwasew jekk l-ilmenti tiegħu joħorġux tabil-ħaqq mill-imsemmija atti. Kif ingħad diġà, xogħol din il-qorti mhuwiex dak li terġa' tqis il-kwestjoni dwar jekk ir-rikorrent huwiex tassew ħati tal-akkużi li tressqu kontrih, lanqas ma huwa dak li tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali tawx sentenzi 'tajba'. Xogħol din il-qorti huwa li tqis jekk, fid-dawl tal-ilmenti speċifiċi li qanqal ir-rikorrent, dawk l-atti jixhdux li seħħ ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif mifhum skond il-Konvenzjoni. Sa hawnhekk, il-qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-kummissarju intimat u mill-imsejjaħ fil-kawża;

»Illi l-intimati jargumentaw li jekk wieħed jifli sewwa l-atti proċesswali li wasslu għas-sentenzi tal-kundanna tar-rikorrent, għandu jirriżulta li dawk is-sentenzi ma kinux ir-riżultat ta' eżerċizzju kapriċċjuż tal-qorti. B'mod partikolari, jsemmu l-għadd kbir ta' xhieda li nstemgħu minn dik il-qorti u l-aċċertamenti li saru tul iż-żmien kollu li l-kawża kienet qiegħda tinstema' u saħansitra l-konċessjoni li tat biex tisma' xhieda wara li l-kawża kienet ġiet ittrattata. Jisħqu li f'kull waqt tal-pro-ċediment kriminali kontrih, ir-rikorrent ingħata l-opportunitajiet u l-għodda kollha biex iressaq il-każ tiegħu, filwaqt li fuqhom baqa' dejjem il-piż li jridu jippruvaw il-każ tal-akkuża lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jgħidu wkoll li l-ilmenti tar-rikorrent fil-konfront tal-intimati u fil-konfront tal-qrati jridu jinqraw fil-qafas tal-proċediment kollu u dak li jgħodd għall-intimati (bħala parti fil-proċeduri) ma jistax jintuża biex ikejjel l-imġiba tal-qrati ta' kompetenza kriminali li ma kenux parti bħalhom u r-rikorrent;

»Illi għalhekk biex tqis sewwa l-ilment tar-rikorrent, u fid-dawl tad-disa' ċirkostanzi li huwa jsemmi bħala l-bażi tal-ilmenti tiegħu, il-qorti sejra tagħmel żewġ stħarriġ: l-ewwel fir-rigward tal-intimati Spettur Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija, u t-tieni fir-rigward tal-imġiba tal-qrati, kif rappreżentati f'din il-kawża mill-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet fir-rigward tal-intimati Spettur Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija ir-rikorrent seħaq ħafna fuq nuqqasijiet li jgħid li saru min-naħa tagħhom kemm fit-tmexxija tal-proċediment kontrih, kif ukoll fin-nuqqas ta' tmexxija b'għaqal tal-każ biex tinħareġ il-verità fuq l-imġiba ta' Leanne Camilleri u kemm ix-xiehda u l-verżjonijiet tagħha kellhom mis-sewwa. Aktar 'il quddiem, ir-rikorrent għafas ukoll fuq in-nuqqas tal-intimata Calleja biex tkun taf dwar ċirkostanzi u ġrajjiet li kienu jseħħu fi ħdan il-familja ta' mart ir-rikorrent u wliedha, jew biex tħabrek ħalli dawn iċ-ċirkostanzi jkunu mgħarrfa lill-qorti hu u għaddej il-każ tiegħu quddiem dik il-qorti. Ir-rikorrent jgħid ukoll li l-intimata Calleja ma xehditx is-sewwa quddiem din il-qorti;

»Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jwarrbu dawn ix-xiljiet min-naħa tar-rikorrent. Huma jgħidu li bosta mill-attribuzzjonijiet li r-rikorrent jagħmel fil-konfront tal-intimati, l-aktar l-intimata Calleja, huma frott l-istħajjil u ma joħorġux mill-atti tal-kawżi rilevanti. Jgħidu wkoll li fatti partikolari jingħataw xejra mxaqilba biex ikerrhu lill-intimati jew imaqdruhom fejn mhux mistħoqq. Għall-kuntrarju, l-intimati jsemmu ċirkostanzi mill-proċeduri kriminali fejn id-difiża naqset li tinqeda b'opportunitajiet li l-istess Qorti tal-Maġistrati kienet tat għad-disposizzjoni tagħha u tar-rikorrent b'mod partikolari;

»Illi l-qorti tifhem il-ħsieb tar-rikorrent biex jasal biex jattakka lill-uffiċjal prosekutur fil-każ tiegħu u lill-korp tal-pulizija in ġenerali, ladarba huma jirrappreżentaw organi tal-istat li kienu mdaħħlin fit-tmexxija tal-każ tiegħu. Hija rat sewwa l-provi mressqa fil-kawża u x-xhieda mismugħa quddiemha u tasal għall-fehma li x-xiljiet tar-rikorrent żgur ma jwasslux lil din il-qorti biex issib xi ħtija fl-imġiba tal-kummissarju intimat. Jekk xejn, meta waqt is-smigħ ta' din il-kawża qamet iċ-ċirkostanza tal-kwerela mressqa fil-konfront ta' Leanne Camilleri u ommha Lisa Camilleri, il-pulizija mxiet b'ħeffa u b'impenn biex tindirizza l-ilment tiegħu. Il-pulizija stħarrġet b'għaqal dak li kien allegat u nqdiet bil-proċeduri tal-inkjesta maġisterjali li wasslu għat-teħid ta' proċeduri kriminali kemm kontra Leanne Camilleri u kif ukoll kontra ommha. Ir-rikorrent ma weriex lanqas fejn, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża kontrih fil-qorti ta' kompetenza kriminali, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija naqas jew ġab ruħu b'mod li kisirlu l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-intimata Spettur Louise Calleja, minkejja x-xiljiet li r-rikorrent jgħabbiha bihom, il-qorti tqis li din uriet li, sa mill-ewwel darba li l-każ ingħatalha mis-superjuri tagħha, mxiet bil-galbu li każ delikat bħal dan kien iġib miegħu. Għarfet id-diffikultajiet li jista' jkun hemm meta ssir ix-xilja ta' abbuż sesswali fuq tfal taħt l-età minn persuni li jkunu mdaħħlin f'taqbida ta' ġlied matrimonjali u domestiku li wassal għall-firda personali u tat it-twissijiet f'waqthom dwar il-konsegwenzi ta' xiehda li mhix minnha. Fissret ukoll għaliex ressqet kontra r-rikorrent l-akkużi li ressqet u mhux qabdet u qagħdet fuq dak li kienet allegat it-tifla Leanne u kif, fl-aħħar mill-aħħar, l-artikli tal-kapi tal-att tal-akkuża nħarġu mill-Avukat Ġenerali u mhux minnha. Intwerew l-esperjenzi u l-kwalifiki tagħha biex tmexxi każijiet tal-għamla li laqtu lir-rikorrent. Hija wriet ukoll li għamlet is-sehem tagħha fit-tmexxija tal-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u li dejjem qagħdet għall-ordinijiet u d-direttivi li tatha dik il-qorti. Il-qorti setgħet tara li, kull meta nqalgħu kwestjonijiet jew saru talbiet biex toħroġ il-verità dwar kemm wieħed seta' joqgħod fuq li tgħid Leanne Camilleri, l-intimata Calleja ikkollaborat u għamlet il-parti tagħha. Il-fatt li hija emmnet dak li Leanne kienet tgħid ma jagħmilhiex kompliċi jew aġent ta' ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Il-qorti qieset ukoll is-sottomissjoni tar-rikorrent dwar l-għażla tal-intimata Calleja fl-akkużi li ressqet kontrih. Il-qorti tifhem sewwa dik is-sottomissjoni, imma ma tarax li l-intimata Calleja fasslet ix-xiljiet sempliċement biex tkun tista' tgħid li ressqitu l-qorti u xlietu bihom b'mod kapriċċuż. Diġà ngħad li, fl-aħħar mill-aħħar, l-artikli tal-att tal-akkuża tfasslu mill-Avukat Ġenerali u mhux mill-intimata Calleja, filwaqt li kienu x'kienu l-akkużi, kien dejjem il-piż tal-prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha u dan ma kienx jagħmel sens li kieku l-prosekuzzjoni ma kellhiex f'idejha l-provi li qisithom tajbin biex tasal fejn riedet tasal;

»Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, il-qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma wrihiex li huwa ġarrab xi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-imġiba tal-intimati Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija;

»Illi għal dak li jirrigwarda x-xiljiet tar-rikorrent fil-konfront tal-qrati li quddiemhom instema' l-każ tiegħu r-rikorrent jgħid li, rinfaċċati biċ-ċirkostanza fejn Leanne Camilleri bidlet il-verżjoni tagħha, il-qrati msemmija ma tawx importanza lil dan. Huwa jgħid li, bil-ħidma tal-

intimata Calleja, il-qrati ddaħħlu f'mina biex ma jarawx x'kien għaddej fis-sewwa. B'mod partikolari, ir-rikorrent jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati naqset li tara d-dubju raġonevoli wieqaf quddiemha li wassalha biex tagħmel *a biased evaluation* tal-fatti fis-sentenza li tat. Jgħid ukoll li dik il-qorti ma tatx każ biżżejjed tal-fatt li Leanne kienet taħt il-"kostrinġiment" ta' ommha u għalhekk dan imissu xegħlilha bozza ħamra dwar kemm dak li kienet qiegħda tixhed it-tifla kien ġej minnha jew inkella mill-influwenza ta' ommha. Dwar il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent jixli lil dik il-qorti li ma għamlitx dmirha li twettaq il-'funzjoni reviżorja' li messha wettqet dwar l-appell imressaq mis-sentenza appellata minnu u dan billi jgħid li ma tatx każ il-bosta sottomissjonijiet li ressaq fir-rikors tal-appell tiegħu u li saħansitra ċaħħditu milli jressaq xiehda kruċjali f'dak l-istadju bi ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 6(3)(*d*) tal-Konvenzjoni meta, minħabba l-inkonsistenza tal-provi, kien hemm obbligu li l-Qorti tal-Appell tammetti dik ix-xiehda. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent jgħabbi lil dawk iż-żewġ qrati bir-responsabbiltà li ġarrbulu ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta għabbewh b'piż ta' prova qawwija wisq fuq spallejh biex juri li mhuwiex ħati;

»Illi, min-naħa tiegħu, l-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali, li f'dawn il-proċeduri jirrappreżenta lill-qrati, jilqa' għal dawn ix-xiljiet billi jisħaq li l-qrati ta' kompetenza kriminali, fiż-żewġ gradi tal-ġudizzju, wettqu sewwa xogħolhom u mxew b'mod (kor)rett u xieraq f'kull fażi tal-każ;

»Illi l-qorti tqis li r-rikorrent donnu jonqos jagħraf ir-rwol tal-parti mir-rwol ta' qorti. Kif issemma qabel, il-fatt li qorti ma taqbilx mal-linja difensjonali ta' parti li tkun f'kawża quddiemha ma jġibx b'daqshekk li dik il-qorti tkun kisret il-jedd ta' dik il-parti għal smigħ xieraq. Huwa mistenni li, waqt it-tmexxija tal-kawża, qorti tagħraf tuża s-setgħat tagħha biex tinstab il-verità u tagħti lill-partijiet li jkunu quddiemha opportunità ndaqs biex imexxu l-każ tagħhom. Huwa wkoll mistenni li, fl-għoti tas-sentenza, il-qorti tagħmel l-għażla tagħha dwar fuq liema waħda mill-partijiet toqgħod u safejn għandha toqgħod fuq dik il-parti għal kollox jew f'biċċa. L-importanti hu li l-qorti tagħti r-raġunijiet xierqa biex turi għaliex waslet biex emmnet lil naħa u mhux lil oħra. Dik l-għażla hija l-attribut ewlieni ta' kull ġudikant fit-twettiq tas-sejħa tiegħu li jiddeċiedi l-każ li jkollu quddiemu, u dan joħroġ l-aktar f'qafas ta' litigazzjoni kontenzjuża;

»Illi safejn is-sottomissjonijiet tar-rikorrent jippruvaw idaħħlu lil din il-qorti fi stħarriġ tar-raġunament magħmul miż-żewġt iqrati fis-sentenzi tagħhom, din il-qorti ma tistax tqishom, għar-raġunijiet li ssemmew qabel u li dwarhom din il-qorti ma tagħmilhiex ta' qorti tal-appell;

»Illi fil-każ tal-Qorti tal-Maġistrati, il-qorti tqis li, sa mill-fażi istruttorja, ħareġ ċar li kwestjoni ewlenija kienet sejra tkun dik tal-kredibilità ta' Leanne Camilleri. Iċ-ċirkostanzi familjari tal-istess minuri wkoll kienu, trid u ma tridx, jolqtu dan l-aspett – billi l-influwenzi minn qraba fuq tfal taħt l-età dejjem iqajmu tħassib dwar is-sewwa ta' dak li jgħidu. Dan kollu ma kien nieqes xejn mill-każ tar-rikorrent u jrid jingħad li influwenzi (biex ma jingħadx aktar) kienu jiġu fuq Leanne u ħuha Luke minn kull naħa. Dan kollu kien magħruf mill-Qorti tal-Maġistrati sa minn stadju bikri tal-kawża kontra r-rikorrent u din il-qorti sabet għadd ta' ċirkostanzi li jixhdu li dik il-qorti kienet konxja minn dan kollu u għamlet sforzi konsiderevoli biex tara li din il-kwestjoni titqies bis-serjetà li jixirqilha. B'mod partikolari, jissemma kif dik il-qorti aċċertat li

Leanne tagħraf tixhed is-sewwa, kif imxiet b'sabar kbir, u x'aktarx f'atmosfera ta' tensjoni qawwija, fl-okkażjonijiet ebsin tal-eżami u l-kontro-eżami ta' Leanne u ħuha Luke. Ħareġ ukoll li dik il-qorti semgħet xiehda ta' qraba ta' Leanne li xehdu dwar il-verżjonijiet differenti li kienet qalet u dwar it-tendenza tagħha li tigdeb. Meta twasslilha li Leanne kienet stqarret li xehdet ħażin quddiem l-Avukat tat-Tfal, semgħet lill-istess avukat u 'ikkonfrontat' lil Leanne magħha. Dik il-qorti qabbdet ukoll esperti, proposti mill-istess difiża, biex jistħarrġu lill-minuri Leanne Camilleri u li taw il-fehmiet professjonali tagħhom. Jidher li qieset l-inkartamenti tal-Aġenzija *Appoġġ* u kull dokumentazzjoni oħra, magħduda xiehda ta' kapijiet tal-iskola, *social workers* u għalliema tad-duttrina, kemm dwar l-imġiba tal-minuri u kif ukoll dwar l-ambjent tal-familja li kienu jinsabu fih. Ħareġ ukoll li dik il-qorti kienet taf li, f'xi waqtiet, il-minuri Leanne Camilleri ma riditx tkompli bil-kawża u ma riditx taf aktar b'missierha. Dan kollu jrid jitqies ukoll fil-qafas li ħareġ ċar mill-atti tal-proċess kriminali li r-rikorrent ħa sehem f'kull waqt ta' dawk il-proċeduri, kien mgħejjun kif imiss minn avukat li ma ħalla l-ebda opportunità tgħaddi milli jżomm lil dik il-qorti konxja mit-tħassib tiegħu dwar aspetti li deherlu li kellu jressaq biex jagħti l-aħjar difiża lill-klijent tiegħu;

»Illi l-qorti qieset ukoll ix-xiehda ta' Leanne Camilleri mogħtija minnha f'din il-kawża. Hija xiehda li tagħti ħjiel tat-taqbidiet kbar li dik ix-xhud għaddiet u għaddejja minnhom fil-ħajja tagħha. Il-qorti semgħetha tixhed f'eżami serrat għall-aħħar magħmul lilha mill-avukat difensur tar-rikorrent. Minkejja l-mistoqsijiet qawwijin li sarulha, dehret soda fil-konvinċiment ta' dak li kienet qiegħda tixhed u baqgħet ittenni dak li qalet bla ma tħarrket mill-pożizzjoni tagħha. Dan saħqet fuqu minkejja li qalet li kienet qiegħda ssirilha pressjoni min-naħa ta' missierha (jew l-avukat tiegħu bil-korrispondenza) biex tindem mill-ħażin li għamlet meta xehdet kif xehdet. Hija xiehda li reġgħet tenniethа wkoll band'oħra meta kienet għaddejja l-inkjesta maġisterjali. Il-qorti tqis li xiehda li turi daqshekk konvinzjoni taf titwemmen f'kull awla ta' qorti oħra;

»Illi minn din il-ġabra fuq fuq ta' ċirkostanzi li joħorġu mill-atti proċesswali relattivi, il-qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati tat qies xieraq ta' dawn il-fatti kollha u żgur ma jistax jingħad li l-prosekuzzjoni żammitha milli tara dak kollu li kien għaddej. Ir-rikorrent jallega li dik il-qorti kienet stinat ruħha biex tara biss xaqliba waħda tal-każ. Din il-qorti tqis li qari xieraq u mingħajr preġudizzju ta' dawk l-atti jixhed li l-konsiderazzjonijiet li għamlet dik il-qorti fis-sentenza li fl-aħħar mill-aħħar tat kienu konsiderazzjonijiet li juru li l-fehma aħħarija ħarġet b'qies ukoll ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha;

»Illi hemm ukoll konsiderazzjoni oħra li xieraq issir. Ir-rikorrent jgħid li kien hemm persuni oħrajn li kienu jafu sewwa x'kien għaddej u li l-qorti ma qisithomx. Għandu jingħad li kull qorti trid tiddeċiedi u tasal għall-fehmiet u d-deċiżjonijiet tagħha fuq dak li joħroġ mill-atti li jkollha quddiemha jew li ssir taf bihom formalment mill-partijiet waqt is-smigħ tal-kawża, kif jingħad *juxta allegata et probata*. Il-qorti għalhekk tqis li, fil-waqt u l-ħin li ngħataw is-sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati u wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-fatti magħrufa kienu dawk li jinsabu fl-atti proċesswali li kellhom quddiemhom. Matul is-smigħ ta' din il-kawża, ir-rikorrent ressaq xhieda biex jgħidu x'kienu semgħu jingħad fis-sala tal-isptar fejn kien rikoverat Luke Camilleri waqt il-marda

terminali tiegħu. Ix-xiehda li taw saret magħrufa biss wara li kien intemm il-proċess kriminali kontra r-rikorrent u l-istess xhieda stqarrew li ma kienu kellmu 'l ħadd qabel biex jgħidu x'kienu semgħu u raw. Ġew 'il quddiem bix-xiehda tagħhom wara li raw li r-rikorrent kien instab ħati u ntbagħat il-ħabs u "ġiethom ħniena minn Sam" (kif inhu magħruf ir-rikorrent). Dan ifisser li dawn il-fatti ma kienu bl-ebda mod magħrufa la għall-Qorti tal-Maġistrati u lanqas għall-Qorti tal-Appell Kriminali sa ma ngħataw is-sentenzi li minnhom ir-rikorrent jilminta. Il-qorti għalhekk ma tarax kif, minħabba f'hekk, jista' jingħad li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn idejn il-qrati li ġġudikawh;

»Illi l-qorti ma tistax taqbel mar-rikorrent li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tagħmel l-eżerċizzju reviżorju xieraq jew li warrbet 'l hemm is-sottomissjonijiet li kien għamel fir-rikors tal-appell tiegħu lilha. Għall-kuntrarju, jidher li fliet b'reqqa l-atti proċesswali u ittrattat il-bosta lmenti jew aggravji tar-rikorrent individwalment. Il-kwestjoni tat-tressiq tax-xhieda biex jerġgħu jinstemgħu minnha u quddiemha, jew id-deċiżjoni tagħha jekk taċċettax li tisma' provi ġodda, hija kwestjoni tad-diskrezzjoni u s-setgħat li dik il-qorti tista' u fil-fatt eżerċitat. Għalkemm tagħraf li, għar-rikorrent, xi xiehda kienet tista' tgħin aħjar il-każ tal-appell tiegħu, in-nuqqas ta' smigħ tagħhom f'dak l-istadju ma jidhirx li kien xi nuqqas min-naħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li wassal biex ġab ksur tal-jedd tar-rikorrent taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

»Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma ġarrabx ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-imġiba ta' xi ħadd mill-intimati jew mill-mod kif imxew il-qrati waqt is-smigħ tal-każ tiegħu u wkoll fl-għoti tas-sentenzi maqtugħa minnhom;

»Illi għalhekk, suġġett għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem, il-qorti ma ssibx li l-ewwel talba tar-rikorrent kif formulata hija mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

»Illi dwar l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd tiegħu għall-ħajja privata u l-privatezza irid jingħad li huwa jqis li dan ġara b'effett tas-sentenzi li ngħataw kontra tiegħu, fejn minħabba s-sejbien tal-ħtija l-qorti ordnat li ismu jkun reġistrat f'reġistru mwaqqaf bil-liġi. Huwa jgħid li, bil-fatt li ismu issa ġie reġistrat f'dak ir-reġistru, qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għaliex ismu sejjer jibqa' muri f'dak ir-reġistru għal ħmistax-il (15) sena minn dakinhar li ngħatat l-aħħar sentenza. Huwa jilminta b'mod partikolari li l-liġi kif inhi ma tħalli li ssir l-ebda reviżjoni ta' dak li jitniżżel fir-reġistru u dan iwassal għal "indħil sproporzjonat" bi ħsara għalih;

»Illi l-artikolu 8 msemmi jipprovdi li:

> »"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> »"(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' ħadd-ieħor";

»Illi tajjeb li jingħad li "ħajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna. Huwa wkoll aċċettat li, għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, id-disposizzjonijiet tal-artikoli tal-Kapitolu 518 jikkostitwixxu għamla ta' ndħil mill-istat fuq persuni li jintlaqtu mit-tħaddim ta' dawk id-disposizzjonijiet. Madankollu, il-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, għaliex it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta tali ndħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 jinħalqu meżżi fejjieda biex dak il-ħarsien jitwettaq. Il-qorti tqis li d-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta huwa każ partikolari fejn l-istat aġixxa b'mod pożittiv biex iħares il-jedd ta' kull persuna minuri milli tisfa vittma ta' persuna li tkun instabet ħatja ta' reat skedat f'dik il-liġi;

»Illi biex indħil bħal dak ikun "skond il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru;

»Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjetà demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet. Kif ingħad "*In determining whether the interference was 'necessary in a democratic society', the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia, T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no. 28945/95, § 70, ECHR 2001-V, and Sommerfeld v. Germany* [GC], no. 31871/96, § *62, ECHR 2003-VIII). Undoubtedly, consideration of what lies in the best interests of the child is of crucial importance in every case of this kind; depending on their nature and seriousness, the child's best interests may override that of the parents (see Sommerfeld, cited above, § 66, and Görgülü v. Germany, no. 74969/01, § 43, 26 February 2004; and Ahrens, cited above, § 63)*";

»Illi huwa stabilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalità taħt il-Konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.*";

»Illi r-rikorrent jgħid li tali ndħil huwa sproporzjonat għaliex huwa msejjes fuq sentenza ta' ħtija li, minnha nnifisha, hija l-frott ta' *miscarriage of justice*. Huwa jżid jgħid li t-tniżżil ta' ismu fl-imsemmi

reġistru jimmilita kontra l-għan ta' rijabilitazzjoni ta' min ikun żbalja, u qiegħda agħar minn hekk tikkastigah minkejja li huwa innoċenti;

»Illi għal dan l-argument l-intimati jilqgħu billi jgħidu li l-għanijiet tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 518 huma qabel kollox maħsuba li jagħtu l-ogħla ħarsien lill-interessi lill-persuni taħt l-età u għalhekk persuni vulnerabbli. F'kull każ, iżidu jgħidu li jekk it-tniżżil ta' isem ir-rikorrent fir-reġistru huwa għamla ta' ndħil fil-ħajja privata tiegħu, dan seħħ minħabba s-sejbien tal-ħtija tiegħu u fil-qafas ta' ċirkostanzi li tipprovdi għalihom il-liġi. Dawn iċ-ċirkostanzi ma jġibu l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

»Illi l-qorti tqis li l-effetti tal-Kap. 518 fir-rigward tar-rikorrent huma l-konsegwenza diretta tas-sentenzi li ngħataw kontrih mill-qrati ta' kompetenza kriminali. Sakemm dawk is-sentenzi jitqiesu tajbin u effettivi, provvediment bħal dak jaqa' sewwasew fis-setgħat mogħtijin mil-liġi lill-qrati huma u jikkalibraw il-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Dan jgħodd sakemm dak il-provvediment ikun joqgħod għall-għamla ta' reat preskritt jew skedat u jingħata għaż-żmien li jitqabbel maż-żmien ta' piena karċerarja li tkun ingħatat fis-sentenza;

»Illi l-aspetti l-oħrajn li jsemmi r-rikorrent huma lkoll konsegwenzjali għall-fatt ewlieni li teżisti sentenza ta' kundanna. Minħabba li l-qorti ma sabitx li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fir-rigward tal-intimati jew tal-imsejjaħ fil-kawża, ma jirriżulta l-ebda ksur tal-jedd tiegħu bit-tħaddim tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi għalhekk, u bla ħsara għal dak li sejjer jissemma aktar 'il quddiem, il-qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrent dwar it-tħaddim fil-konfront tiegħu tal-Kap 518 huwa mistħoqq u għalhekk mhijiex sejra tilqa' t-tielet talba tiegħu;

»Illi fil-ħames talba tiegħu ir-rikorrent jitlob bħala rimedju wkoll il-ħlas ta' kumpens. Fl-għeluq tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa jsemmi li ż-żewġ intimati u l-imsejjaħ fil-kawża jmisshom jinżammu solidalment responsabbli lejh għall-ħlas ta' kumpens li huwa jgħid, bla preġudizzju, li għandu jkun fl-ammont ta' erba' mitt elf euro (€400,000);

»Illi l-qorti tqis li din it-talba ma tistax tintlaqa' għar-raġuni li, minħabba dak li ssemma aktar 'il fuq, ma sabet li l-ebda wieħed mill-intimati u l-imsejjaħ fil-kawża jaħtu lejh għal ksur ta' wieħed mill-jeddijiet li dwarhom jilmenta;

»Illi l-qorti jidhrilha li tajjeb tirrileva li dak li seta' ġarrab ir-rikorrent kien ir-riżultat dirett tal-għemil ta' persuna privata – bintu – li wara li ntemmu l-proċedimenti kollha quddiem il-qrati, waslet biex stqarret li kienet xehdet il-falz u li dak li xehdet ma kienx minnu. Din ir-ritrattazzjoni tagħha hija llum konfermata b'sentenza li saret ġudikat. Il-mistoqsija li tqum hi jekk l-istat għandux jerfa' r-responsabbiltà tal-għemil jew l-omissjoni ta' persuna privata f'ċirkostanza bħal din u fejn tkun hija nnifisha abbużat mill-istituzzjonijiet. Din il-qorti jidhrilha li, bħala regola ġenerali, sakemm jintwera li l-organi kompetenti tal-istat ikunu mxew kif mitlub minnhom mil-liġi, l-imġiba ta' persuna privata ma tagħtix lok ukoll għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali. Il-liġi tipprovdi għall-għoti ta' rimedju xieraq kontra min ikun tabilħaqq jaħti

għan-nuqqas jew l-għemil li jġib il-ħsara lil xiħadd u dan mhux bilfors bis-sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali;

»Illi għalhekk il-ħames talba mhijiex sejra tintlaqa' bla ħsara għal kull jedd ta' azzjoni xierqa li huwa jista' jkollu f'sedi oħra;

»Illi l-qorti tista' tieqaf hawnhekk fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ilmenti mressqin mir-rikorrent u fil-parametri li huwa ressaqhom. Madankollu, jekk tagħmel hekk tkun qiegħda tagħlaq għajnejha għal qagħda li ġabet magħha konsegwenzi tabilħaqq serji. Huma konsegwenzi li, jekk wieħed jagħmel tabirruħu li ma humiex hemm, ikun qiegħed itenni qagħda li minnha nnifisha tnissel ħsara mhux xierqa u saħansitra inġustizzja lill-persuna tar-rikorrent. Din il-qagħda nħalqet wara li ngħalaq il-proċess kontra r-rikorrent quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali u wara li ngħataw is-sentenzi li sabuh ħati tal-akkużi mressqa quddiemu. Hija qagħda li saħansitra faqqgħet wara li r-rikorrent kien fetaħ din il-kawża u kienet imxiet sewwa fis-smigħ tagħha. Fuq kollox hija qagħda li din il-qorti ma tistax ma tiħux konjizzjoni tagħha ladarba nġabet għall-għarfien tagħha u tagħmel parti mill-atti tal-kawża. Kif issemma fil-parti ta' din is-sentenza li titkellem dwar il-fatti tal-każ, f'xi żmien matul l-2014, waqt inkjesta maġisterjali li saret fuq talba tar-rikorrent, Leanne Camilleri rtirat ix-xiehda li kienet tat fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent missierha (u li kienet tennietha saħansitra b'qawwa f'din il-kawża wkoll) u stqarret li dak li xehdet ma kienx mis-sewwa. Bis-saħħa ta' din ir-ritrattazzjoni tagħha, tnedew proċeduri kriminali dwar sperġur fil-konfront tagħha u li tagħhom hija nstabet ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Settembru tal-2014. Dik is-sentenza llum tagħmel ġudikat;

»Illi dan ifisser li safejn ir-rikorrent kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq is-saħħa tax-xiehda ta' bintu f'dawk il-proċedimenti, dawk is-sentenzi huma msejsa fuq xiehda falza. Jekk inhu hekk, ifisser ukoll li r-rikorrent instab ħati ta' reat li ma wettaqx għaliex dawk is-sentenzi jinbnew fuq il-premessa li seħħew fatti (l-għemil żieni mal-minorenni, is-sekwestru jew żamma ta' persuna minuri u l-attentat vjolenti għall-pudur) li ma ġrawx għaliex min, għal żmien twil, kien xehed li ġarrabhom, wasal biex 'il quddiem qal li ma xehedx is-sewwa meta kien qal hekk;

»Illi din il-qagħda tqajjem il-kwestjoni ta' rimedju, minkejja li l-ebda wieħed mill-intimati ma jkun jaħti għall-qagħda li nħalqet. Hija ċirkostanza li ħabbtet ħafna lil din il-qorti u dan fid-dawl tal-fatt li l-liġi tagħna ma jidhirx li taħseb għal rimedju xieraq u fejjiedi għal każijiet bħal dawn. Kemm hu hekk, meta r-rikorrent ipprova jitlob lill-qrati ta' kompetenza kriminali biex jieħdu konjizzjoni tal-qagħda li nħalqet, it-tweġiba kienet li ladarba ngħatat sentenza li saret ġudikat, ma kien hemm l-ebda rimedju li seta' jingħata lir-rikorrent. F'dan ir-rigward, mill-atti tal-kawża joħroġ li r-rikorrent ipprova jikseb dan fi tliet okkażjonijiet differenti u baqa' ma wasal imkien. Kien għalhekk ukoll li r-rikorrent talab lil din il-qorti biex, ladarba ma kellux rimedju ieħor bil-liġi u sakemm il-qorti tkun semgħet u qieset l-ilmenti tiegħu fil-mertu f'din il-kawża, tagħtih rimedju provviżorju. Dak ir-rimedju kien jitlob li r-rikorrent jieqaf milli jibqa' jservi l-piena ta' ħabs li ngħatatlu fis-sentenzi tal-qrati ta' kompetenza kriminali;

»Illi ta' min jgħid li, fis-sistema ġuridiku tagħna, ma jingħatax ir-rimedju tar-ritrattazzjoni ta' kawża fil-każ ta' sentenzi mogħtijin mill-qrati ta'

kompetenza kriminali bħalma jingħata fil-kawżi ta' natura ċivili, u, sakemm il-leġislatur ma jipprovdix għal sitwazzjoni bħal din, ma jidher li hemm l-ebda rimedju ordinarju ieħor fil-liġi tajjeb għal persuna li ssib ruħha fil-qagħda li jinsab fiha r-rikorrent;

»Illi fl-istess waqt, il-qorti tagħraf li l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtiha s-setgħa li tagħti ordnijiet, toħroġ atti jew tagħti direttivi li hija tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tal-jeddijiet imħarsa mill-Konvenzjoni li kull persuna jistħoqqilha t-tgawdija tagħhom. Din minn dejjem tqieset bħala setgħa wiesgħa li timmira lejn l-effettività ta' għoti ta' rimedju wkoll fejn disposizzjonijiet oħrajn tal-liġi ma jkunux jipprovdu għalih jew fejn dak ir-rimedju ma jkunx jista' jingħata minn qorti oħra. Fl-ewwel talba tiegħu fir-rikors promotur, ir-rikorrent jitlob li l-proċeduri (b'dan wieħed jifhem ukoll is-sentenzi li ġabu fi tmiemhom dawk il-proċeduri) jiġu dikjarati invalidi. Is-sejbien tal-invalidità ta' dawk il-proċeduri twassal għat-tħassir tagħhom;

»Illi l-qorti tqis li s-setgħat li hija tista' twettaq biex tara li ma jseħħx ksur ta' xi jedd fundamentali jew li twaqqaf qagħda li tkun jew tista' tkun ta' ħsara għat-tgawdija ta' xi jedd bħal dak jestendu wkoll għall-għoti ta' rimedji dwar atti u proċedimenti ġudizzjarji, ukoll dwar sentenzi mogħtijin matulhom. Kemm hu hekk, ingħad (fil-qafas ta' proċedimenti ta' xejra kriminali) li "Kieku ma kienx għaż-żewġ ċirkostanzi u raġunijiet li sejrin jissemmew u li jimmilitaw kontra r-rikorrent, il-qorti ċertament ma kenitx sejra tillibera għal kollox lir-rikorrent, imma kienet tordna *new trial* għax il-kamp tar-*redress* mogħti mid-disposizzjoni ampja tal-art. 47(2) tal-Kostituzzjoni jidher li jippermetti anke direttiva simili, u kif qal il-*Privy Council* fil-kawża Borg Olivier *v.* Buttigieg (il-kawża tal-gażżetti fl-isptarijiet) mal-*human rights* m'għandhomx isiru skerzi, lanqas minimi"[4];

»Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tasal għall-fehma li s-sentenzi mogħtijin rispettivament mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, fir-rigward tar-rikorrent huma milquta min-nuqqas serju u gravi li jwassal biex iġibhom invalidi u dan għaliex ma jinbnewx fuq l-element tal-*pro veritate habetur* mistenni minn sentenzi tal-qrati. B'effett ta' hekk, il-qorti sejra tipprovdi dwar l-ewwel u r-raba' talbiet tar-rikorrent billi tħassar, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, l-imsemmija sentenzi. Dan jinkludi wkoll it-tħassir tal-provvedimenti mogħtijin fl-imsemmija sentenzi dwar it-tniżżil ta' isem ir-rikorrent fir-reġistru tal-pedofili taħt l-Att tal-2011 dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, u ta' kull reġistrazzjoni oħra uffiċjali li setgħet saret fir-rigward tar-rikorrent dwar il-kondotta tiegħu;

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

»tiċħad l-ewwel talba attriċi billi ma ntweriex li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; għall-finijiet tal-imsemmija l-ewwel talba attriċi ssib, madankollu, li minħabba ċirko-stanzi li ġraw wara l-għoti tas-sentenzi li minnhom ir-rikorrent jilminta, hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex, billi tinqeda bis-setgħat mogħtijin lilha mill-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-qorti

[4] Vincent Spiteri *v.* Onor. Prim'Ministru *et*, Kost. 31 t'Awissu 1977.

tħassar għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi s-sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011, u kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013, fl-atti tal-Kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spett. Louise Calleja) *v.* Emanuel Camilleri u dan minħabba li s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes fuq xiehda li ma kenitx minnha u liema fatt jinstab stabilit ukoll minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru 2014, li għaddiet in ġudikat;

»tilqa' t-tieni talba attriċi biss safejn kompatibbli mal-premess, imma tiċħadha għall-bqija;

»tiċħad it-tielet talba attriċi billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

»tipprovdi dwar ir-raba' talba attriċi billi tiddikjara li safejn ir-reġis-trazzjoni ta' isem ir-rikorrent fuq ir-reġistru tal-pedofili kienet l-effett tas-sentenzi mogħtijin fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, tali reġistrazzjoni għandha titneħħa fid-dawl tat-tħassir tal-imsemmija sentenzi;

»tiċħad il-ħames talba attriċi billi ma ntweriex li l-ebda wieħed mill-intimati u lanqas l-imsejjaħ fil-kawża ma jmisshom iħallsu xi kumpens lir-rikorrent minħabba għemilhom, bla ħsara għal kull azzjoni spettanti lill-istess rikorrent għar-risarċiment ta' danni kontra terzi taħt proċeduri oħrajn xierqa; u

»tordna li, bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.«

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-18 ta' Ottubru 2016. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali wieġbu, b'appell inċidentali, fit-28 ta' Ottubru 2016. Il-konvenuta Spettur Louisa Calleja wieġbet għall-appell tal-attur fl-1 ta' Novembru 2016. Ma saret ebda tweġiba għall-appell inċidentali tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali.

7. L-attur appella wkoll minn dik li hu sejħilha "deċiżjoni li biha [*sc.* ġiet miċħuda] t-talba sabiex jiġu esebiti senbsiela ta' rappori fl-għases tal-pulizija". Fisser l-aggravju dwar din id-deċiżjoni hekk:

»Illi r-rikorrent iħossu wkoll aggravat bil-provvediment li bih l-ewwel onorabbli qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex jiġu ppreżentati s-sensiela ta' rapporti li rċeviet il-pulizija f'diversi għases, magħmulin jew mill-omm kontra wliedha, jew minn xi ħadd mill-ulied kontra ommhom, li juru li t-tfal kienu għaddejjin minn tbatija u ħajja turbolenti ħafna,

liema rapporti l-intimata Spettur Calleja xehdet li ma kenitx taf bihom. Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jinterponi appell ukoll mill-provvediment tal-ewwel qorti li bih giet respinta t-talba għall-esibizzjoni ta' dawn ir-rapporti importanti.«

8. Billi fir-rikors tal-appell ma jingħadx meta ngħata dan il-provvediment, u fl-atti tal-kawża lanqas ma hemm xi provvediment bħal dak imsemmi mill-attur, il-qorti b'dikriet tas-6 ta' Ġunju 2017 ordnat lill-attur igħid meta kien li ngħata l-provvediment li minnu qiegħed jappella. L-attur wieġeb b'nota tat-12 ta' Ġunju 2017 li fiha jgħid hekk:

»Illi d-dikriet li bih l-ewwel onorabbli qorti rrespinġiet it-talba ta' Emanuel Camilieri biex jiġu esibiti sensiela ta' rapport[i] li l-Ispettur Louise Calleja xehdet li ma kinitx taf bihom avolja kienet spettur anzjan fl-Iskwadra kontra l-Vizzji jinsab kopert bil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2014. Iżda dakinhar tant kienet seduta movimentata waqt li xehdet l-Ispettur Louise Calleja illi l-qorti stess ma vverbalizzatx kollox (Jista' jkun li dawn ma ssemmewx għaliex il-qorti assumiet illi dawn kienu fil-*file* tal-pulizija li kienet qed tintalab il-produzzjoni tiegħu. L-esponent m'għandux mezz biex ikun jaf la x'ħasbet il-qorti u lanqas x'hemm fil-*file* tal-pulizija li talab il-produzzjoni tiegħu). Difatti, dakinhar, il-qorti talbet lill-Avukat Azzopardi biex jikkonsenjalha l-*police incident reports* (madwar 24 *police incident reports*) sabiex teżaminahom fil-mori tad-differiment u sussegwentement dawn ġew ritornati lilu stante li l-qorti ma aċċettatx li jiġu prodotti.«

9. Il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2014 igħid hekk:

»Meta ssejħet il-kawża deher ir-rikorrent mgħejjun mill-Avukat Tonio Azzopardi u l-intimata Spettur Louise Calleja mgħejjuna mill-Avukat Sarah Portelli li qed tidher ukoll għall-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

»Xehdet: Spettur Louise Calleja.

»Dr Tonio Azzopardi għar-rikorrent jitlob illi din l-onor. qorti jogħġobha tordna illi jingieb il-*file* originali tal-pulizija fir-rigward ta' Emanuel Camilleri li jkopri kemm l-istadju kollu investigattiv kif ukoll l-istadju tal-prosekuzzjoni sad-determinazzjoni finali tal-każ. Dr Azzopardi jitlob ukoll illi l-Ispettur Louise Calleja tiddikjara jekk ġietx infurmata mis-subalterni tagħha dwar episodju li gara fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija f'data għal ħabta ta' Jannar jew Frar tas-sena 2010 meta Leanne Camilleri attendiet fil-Kwariteri Ġenerali fit-taqsima tal-*vice squad*, fejn kien hemm preżenti wkoll Emanuel Camilleri, u dakinhar Leanne Camilleri kkonfrontat lil ommha Lisa Camilleri u qaltilha li ma tridx tmur tgħix magħha "għaliex xbajt nigdeb għalik", liema diskors intqal fil-preżenza tas-subalterni tal-Ispettur Louise Calleja fl-uffiċċju tal-*vice squad*.

»Jekk inġieb dan a konoxxjenza tagħha, kif huma kellhom id-dmir li jagħmlu, hija għandha tiġi ordnata mill-qorti ġġib *record* ta' din id-dikjarazzjoni magħmula minn Leanne Camilleri.

»L-Avukat Portelli tiddikjara li topponi għall-ewwel talba tar-rikorrent fis-sens li jiġi preżentat il-*file* intier *file* originali tal-pulizija fir-rigward ta' Emanuel Camilleri li jkopri kemm l-istadju kollu investigattiv kif ukoll l-istadju tal-prosekuzzjoni sad-determinazzjoni finali tal-każ, u dan peress li dawn huma dokumenti interni li l-iżvelar tagħhom mhux permess. *Di più* inkwantu x-xhud qiegħda tiġi mistoqsija domandi in kontro-eżami u mhux bħala xhud tar-rikorrenti l-kontro-eżami għandu jkun limitat għal dak li xehdet fix-xiehda tagħha.

»Dwar it-tieni talba, l-Ispettur Calleja tirriżerva li tirregola ruħha fis-seduta li jmiss.

»Il-qorti tirriżerva li tipprovdi dwar l-ewwel talba tar-rikorrent kameralment.

»L-Avukat Sarah Portelli b'referenza għax-xiehda tal-intimati titlob illi formalment din il-qorti tipprovdi illi l-atti tal-kawżi meħuda kontra r-rikorrent fil-qrati ta' kompetenza kriminali jkunu allegati mal-atti ta' din il-kawża biex ix-xiehda u l-provi l-oħra li jinsabu f'dawk l-atti jkunu jitqiesu bħala provi u xiehda anke f'din il-kawża.

»L-Avukat Azzopardi għar-rikorrent jaderixxi mat-talba u l-qorti qiegħda tilqagħha.

»L-avukati tal-partijiet għamlu sottomissjonijiet rigward dak li ġie verbalizzat waqt is-smigħ tal-lum u l-qorti qed tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-intimati għall-25 ta' Marzu fis-14:00 *pm*.«

10. It-talba biex jinġieb il-*file* tal-pulizija ġiet miċħuda b'dikriet tal-21 ta' Marzu 2014 iżda l-appell ma huwiex minn dan id-dikriet iżda minn dikriet ieħor li, kif igħid l-attur, ma ġiex verbalizzat.

11. Jekk tassew id-dikriet ma ġiex verbalizzat mela ma ngħatax u għalhekk l-appell tal-attur ma huwiex minn dikriet li ma ngħatax iżda huwa appell *ab omissa decisione* li, iżda, ma jingħatx appell minnha[5].

12. Iżda, aktar milli nuqqas ta' deċiżjoni fuq it-talba, iżjed jidher illi kienet it-talba li ma saritx. It-talbiet li saru mill-attur fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014 kienu tnejn: l-ewwel talba kienet illi l-qorti "tordna illi jingieb il-*file* originali tal-pulizija fir-rigward ta' Emanuel Camilleri"; din it-talba kif

[5] Art. 235 Kod. Proċ. Ċiv.

rajna ġiet miċħuda b'dikriet tal-21 ta' Marzu 2014 iżda l-appell ma huwiex minn dak id-dikriet. It-tieni talba kienet "illi l-Ispettur Louise Calleja tiddikjara jekk ġietx infurmata mis-subalterni tagħha dwar episodju li gara fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija f'data għal ħabta ta' Jannar jew Frar tas-sena 2010". Ma hemmx talba biex jinġiebu r-rapporti jew *police incident reports*, u kien għalhekk la ma hemmx dikriet dwarhom.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti ma tqisx aktar din il-parti tal-appell tal-attur.

14. Ngħaddu issa għall-appell fuq il-meritu. L-aggravju ewlieni tal-attur huwa essenzjalment illi l-fatt illi nstab ħati, meta issa – bil-kundanna ta' bintu talli tat xiehda falza kontrih – ġie stabilit li ma huwiex ħati, huwa fih innifsu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Igħid ukoll illi kien hemm dak li hu jqishom skorrettezzi fil-proċess kriminali li wasslu biex ma tinkixifx il-verità. Kompla fisser dan l-aggravju hekk:

> »Nuqqas ta' smigħ xieraq
>
> »1. Illi filwaqt li r-rikorrent jirrikonoxxi, kif inhu doveruż, illi l-ewwel onorabbli qorti tat għarfien formali lill-innoċenza tiegħu, u, konvinta bis-sħiħ minn din l-innoċenza tiegħu, tatu rimedji importanti u *cioè* li (i) ħassret iż-żewġ sentenzi li kienu żbaljatament iddikjarawh ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' bintu u li (ii) ordnat it-tneħħija ta' ismu mir-reġistru tal-pedofili, is-sentenza appellata hija bir-rispett kollu żbaljala fil-konklużjoni ewlenija illi r-rikorrent kellu smigħ xieraq.
>
> »1.1 Bint ir-rikorrent ikkonfessat li x-xiehda mogħtija minnha fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent missierha kienet xiehda falza. L-ammissjoni tagħha ġiet debitament reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. A bażi ta' din l-ammissjoni, il-Qorti tal-Maġistrati sabitha ħatja u kkundannatha ta' sperġur. L-Avukat Ġenerali appella, iżda l-appell tal-Avukat Ġenerali ma ġiex milqugħ. Is-sentenza dwar il-kundanna ta' bintu giet ikkonfermata u għaddiet in ġudikat.
>
> »1.2 Li jkun hemm *miscarriage of justice* jew *wrongful conviction* neċessarjament ifisser illi l-makna tal-ġustizzja ma ħadmitx sewwa u wasslet għal riżultat fażull. Ir-riżultat mhux biss huwa żbaljat iżda

għandu l-pedament tiegħu jistrieħ fuq bażi ħażina, jiġifieri, konklużjoni li tistrieħ fuq xiehda ddikjarata falza fi proċess separat.

»1.3 Peress li s-sentenza li ppronunzjat li bint ir-rikorrent tat xiehda falza fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu issa għaddiet in ġudikat, din issa tagħmel stat *erga omnes*: *res judicata pro veritate habetur*. M'għadx fadal spazju biex xi vuċi ma taċċettax dan il-pronunzjament, bħal dik tal-Ispettur Louise Calleja li ħarġet tiddikjara, wara l-inkjesta maġisterjali li sabet li tassew li ngħatat xiehda falza mit-tifla, illi hija xorta temmen li bintu qalet il-verità, għax dan huwa l-ħoss tat-tellief, li ma jridx ibaxxi rasu għall-provvediment *ad interim* mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali).

»1.4 Ladarba *miscarriage of justice* jew *wrongful conviction* neċessarjament tfisser illi l-makna tal-ġustizzja ma ħadmitx sewwa għax iż-żewġ sentenzi kienu mnisslin minn xiehda falza, ir-riżultat ma jistax ikun ħaġ'oħra ħlief wieħed: ġustizzja falza. … … …

»1.5 U jekk l-eżitu kien jikkostitwixxi ġustizzja falza, kif jista' wieħed jibqa' ggranfat mal-idea li fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent kien hemm smigħ xieraq? Sejbien ta' ħtija żbaljat u falz u smigħ xieraq ma jmorrux flimkien:

> »"Our eyes were opened to troubling evidence that law enforcement and judicial process can be inconsistent with fairness, decency, and due process."

»Bl-ikbar rispett, dan huwa proprju l-punt li ma ġiex afferrat mill-ewwel onorabbli qorti, u *cioè* illi f'każ bħal dak preżenti, il-proċess ġudizzjarju kien inkonsistenti ma' smigħ xieraq – proprju għax kien ikkontaminat b'xiehda falza.

»1.6 Xiehda falza u smigħ xieraq huma l-antitesi ta' xulxin.

»1.7 *Fair trial* tfisser proċess mingħajr tbajja' ta' kontaminazzjoni. *Fair trial* jirrikjedi provi ġenwini u mhux foloz. It-teżi kuntrarja twassalna biex ngħidu li jekk fi proċess jitħallew jiġu prodotti provi inammissibbli, ma jkunx hemm smigħ xieraq; iżda jekk il-proċess kriminali jkun miżgħud u kontaminat bi provi foloz, iżda l-proċeduri jiġu segwiti, ikun hemm smigħ xieraq.

»1.8 Jekk fi proċess kriminali tkun qed tingħata xiehda falza aħna ngħidu li l-akkużat mhux qed ikollu smigħ xieraq. *Inoltre*, *a conviction on weak evidence would imply that the defendant had not had a fair trial*. L-iskop ta' smigħ xieraq huwa to secure *what justice demands*.

»1.9 Issa filwaqt li l-prova dwar x'kienu semgħu lil bint ir-rikorrent tgħid iż-żewġ *nurses* f'*Rainbow Ward*, Angela Cuschieri u René Zerafa, ġiet fornita biss fil-kawża kostituzzjonali, il-prova dwar *recantation* da parti tat-tifla kienet teżisti u ġiet ippruvata fiż-żmien tal-proċess, u d-difiża għamlet minn kollox biex din il-prova ta' *recantation* tigi ammessa u tingħata l-piż mistħoqq, iżda inutilment.

»1.10 F'dan il-kaz, ir-*recantation* ta' bintu ma ġietx aċċettata minn maġistrat infurjata minħabba li l-Ministru tal-Ġustizzja kien talab lill-Avukat tat-Tfal titkellem mat-tifla. Il-maġistrat spiċċat tirrabja ħafna mal-Avukat tat-Tfal talli din irċeviet struzzjonijiet mingħand il-ministru biex tkellem lit-tifla, bħallikieku l-Avukat tat-Tfal għamlet xi ħaġa ħażina. Minħabba li kien il-ministru li ħa l-inizjattiva biex l-Avukat tat-Tfal titkellem mat-tifla l-maġistrat ma tilfet [*sic*] is-serenità tal-ġudizzju

u spiċċat titfa' 'l barra t-testimonjanza tal-Avukat tat-Tfal u n-notamenti dettaljati tagħha dwar id-dikjarazzjonijiet tat-tifla. Barra minn hekk, fl-atmosfera ta' rabja manifestata mill-maġistrat, il-verbal erronjament igħid li dan qed isir bil-kunsens taż-żewġ partijiet, mentri fir-realtà dak il-ħin l-avukat difensur kien qed jipprova jfiehem is-sitwazzjoni lill-imputat (rikorrent) u dan il-kliem dwar kunsens taż-żewġ partijiet ma semgħux.

»Tant hu hekk li qasir żmien wara s-seduta ġie ppreżentat rikors mid-difiża tal-imputat *ai termini* tal-artikolu 584 tal-Kap. 12 biex din il-prova dwar *recantation* da parti ta' bintu tkun tifforma parti mill-provi. Il-maġistrat baqgħet ma tat l-ebda digriet ta' revoka. Din ir-*recantation evidence* ma ngħatatx importanza – anzi ġiet injorata – mill-maġistrat, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. B'danakollu, xorta l-ewwel qorti qalet li r-rikorrent kellu smigħ xieraq.

»1.11 Il-kompitu ta' din l-onorabbli qorti fl-istanza preżenti huwa reż iktar sempliċi minħabba l-fatt illi l-qorti la għandha għalfejn teżamina jekk il-konklużjoni ta' ħtija hijiex sorretta minn provi konkreti u lanqas għandha għalfejn tara jekk il-liġi ġietx applikata korrettement. Dan għaliex ġie stabbilit inkontrovertibbilment permezz ta' *res judicata* illi l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent kienu affetti minn u kontaminati bi provi foloz, u *cioè* x-xiehda falza ta' bintu. Għalhekk, il-kompitu ta' din l-onorabbli qorti huwa sempliċement li tiddikjara li minħabba l-provi foloz li kkontaminaw il-proċess u ħassru n-nixxigħa tal-ġustizzja, ir-rikorrent ma kellux smigħ xieraq.

»1.12 Huwa minnu li r-rikorrent kellu u għad għandu l-ferma konvinzjoni illi hemm nuqqasijiet serji u ripetuti mwettqin miż-żewġ qrati ta' ġurisdizzjoni penali li kkontribwew bis-sħiħ biex il-każ intemm b'*wrongful conviction*, iżda anki kieku (għal grazzja tal-argument u mhux għax hu hekk) kellu jingħad li ż-żewġ qrati ma wettqu l-ebda nuqqasijiet, xorta waħda l-konklużjoni korretta hija dik illi r-rikorrent ma kellux u ma setax ikollu smigħ xieraq minħabba dak li seħħ fl-istess proċess. Li wieħed igħid li, minkejja dan kollu, ir-rikorrent xorta kellu smigħ xieraq, jammonta għal kapovolġiment tal-prinċipju bażiku li proċess kontaminat bi provi foloz u qarrieqa qatt ma jista' jissejjaħ "smigħ xieraq". Kjarament il-każ prezenti hemm *nexus* bejn ix-xiehda falza tat-tifla u n-nuqqas ta' smigħ xieraq. Għalhekk, il-konklużjoni milħuqa mill-ewwel onorabbli qorti tmur kontra l-ittra u l-ispirtu tal-artikolu 508 tal-Kodiċi Kriminali li jagħti s-setgħa lill-Qorti tal-Appell Kriminali li tordna li ġuri jsir mill-ġdid, għaliex jekk provi foloz ma jwasslux għal nuqqas ta' smigħ xieraq, allura x'inhu li jwassal għal nuqqas ta' smigħ xieraq?

»1.13 Barra minn hekk, is-sentenza appellata, *stante* li fiha d-difett bażiku li ssemma' qabel, għandha kontradizzjoni palesi: min-naħa l-waħda tordna t-tħassir taż-żewġ sentenzi, u min-naħa l-oħra tgħid li ma kienx hemm nuqqas ta' smigħ xieraq. Bir-rispett kollu, waħda tmur kontra l-oħra; u t-tnejn ma jistgħux jissussistu flimkien. Għax jekk is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali kellhom jitħassru minħabba provi foloz, is-smigħ ma setax kien wiehed "xieraq" (*fair trial*). Id-*due process right to a fair trial* ġie nieqes.

»1.14 Issa l-ewwel qorti qalet li jkun hemm ksur tad-drittijiet fonda-mentali meta dawn ikunu ġew ivvjolati mill-istat (aġent tal-istat jew awtorità pubblika). Iżda l-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell

Kriminali jifturmaw parti mill-istat, u għalhekk id-deċiżjonijiet meħuda minnhom iwassal ukoll għal vjolazzjoni mwettqa mill-istat.

»1.15 Illi huwa ovvju illi jekk, kif qalet l-ewwel onorabbli qorti, is-sentenzi mogħtijin rispettivament mill-Qorti tal-Maġistrati u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fir-rigward tar-rikorrent "huma milquta min-nuqqas serju u gravi li jwassal biex iġibhom invalidi u dan għaliex ma jinbnewx fuq l-element tal-*pro veritate habetur* mistenni minn sentenzi tal-qrati", ma jistax fl-istess nifs jintqal li kien hemm smigħ xieraq.

»1.16 Barra minn hekk, l-ewwel onorabbli qorti għamlet pronunzjament qawwi u iebes li minnu tista' titnissel konklużjoni waħda biss, u *cioè* li ma kienx hemm smigħ xieraq, li jaqra hekk:

> "Illi dan ifisser li safejn ir-rikorrent kien instab hati mill-Qorti tal-Maġistrati u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fuq is-saħħa tax-xiehda ta' bintu f'dawk il-proċedimenti, dawk is-sentenzi huma msejsa fuq xiehda falza. Jekk inhu hekk, ifisser ukoll li r-rikorrent instab ħati ta' reat li ma wettaqx għaliex dawk is-sentenzi jinbnew fuq il-premessa li seħħew fatti (l-għemil żieni mal-minorenni, is-sekwestru jew żamma ta' persuna minuri u l-attentat vjolenti għall-pudur) li ma ġrawx għaliex min, għal żmien twil, kien xehed li ġarrabhom, wasal biex 'il quddiem qal li ma xehedx is-sewwa meta kien qal hekk".

»1.17 Wiehed jistaqsi x'sens jagħmel li wiehed jibqa' iggranfat mat-teżi żbaljata illi r-rikorrent xorta kellu smigħ xieraq meta x-xiehda mogħtija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu kienet falza, u persuna nstabet ħatja ta' dan? Kif jista' smigħ jitqies "xieraq" meta l-provi kienu fabbrikati? Fil-pajjizi Skandinavi, tintuża kelma oħra għal *miscarriage of justice* li hija *justitiemord* li tfisser il-qtil tal-ġustizzja, li hi l-antitesi ta' smigħ xieraq.

»1.18 Iżda l-ewwel onorabbli qorti adottat dak li jsejhulu *check list approach*. Għalhekk, l-ewwel onorabbli qorti ma artikolatx b'mod xieraq il-kunċett illi xiehda falza u provi foloz ikissru smigħ xieraq. Huwa proprju minħabba dan il-kunċett bażiku illi l-liġi tippermetti li fil-kamp ċivili kawża ċivili tiġi ritrattata (artikolu 811 tal-Kap. 12), u li fil-kamp penali l-ġuri jsir mill-ġdid u l-akkużat jerġa' jiġi pproċessat (artikolu 508 tal-Kap. 9).

»1.19 Għaliex nużaw espressjonijiet bħal "igawdi" jew "huwa intitolat" meta nirreferu għad-dritt għal smigħ xieraq? It-twegiba hija li dawn huma drittijiet li jippossjedi l-akkużat. Meta tingħata xiehda falza, dak id-dritt ikun qed jinkisirlu – u dan sija jekk ix-xiehda falza sseħħ b'riżultat tal-operat illegali ta' xi aġent tal-istat, u sija jekk dan iseħħ b'riżultat biss ta' xiehda falza mogħtiia minn xhud li ma jirrappreżentax lill-istat.

»1.20 Li l-proċess kriminali jkun ħieles minn xiehda falza u qarrieqa li tiżvija n-nixxigħa nadifa tal-ġustizzja huwa element li jolqot il-qalba tan-nozzjoni ta' smigħ xieraq. Inkella nispiċċaw ngħidu, kif qalet l-ewwel onorabbli qorti, illi l-akkużat ingħata smigħ xieraq, u dan min-kejja li kien kontaminat u mnawwar bit-testimonjanza falza tat-tifla. Dan bħal meta wieħed jgħid li l-ikel kien tajjeb għax kien ifuħ, u dan minkejja li kien fih id-dud.

»1.21 "*We now hold that the suppression by the prosecution of evidence favourable to an accused upon request violates due process*

*where the evidence is material either to guilt or to punishment, irrespective of the qood faith or bad faith of the prosecution.*" (Brady *v*. Maryland, Qorti Suprema tal-Istati Uniti, 1963).

»1.22 Illi l-asserzjoni fis-sentenza appellata li "ma ntweriex li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni" hija parzjali, minħabba li l-istat għandu jiggarantixxi smigħ xieraq, kemm jekk it-theddida tkun ġejja minn aġent tal-istat (l-ispettur tal-pulizija), minn awtorità pubblika (il-qorti) kif ukoll jekk it-theddida tkun ġejja minn individwu privat (bint ir-rikorrent, manipulata kif irriżulta li effettivament kienet sfat manipulata).

»1.23 Illi l-qorti ma tistax taddossa r-responsabbiltà għall-ħlas tad-danni fuq individwu privat meta kien hemm karenza ta' smigħ xieraq. Huwa l-istat li jiggarantixxi smigħ xieraq, u mhux ix-xhud jew xhieda. Meta jkun hemm *wrongful conviction* huwa l-istat li jrid jagħmel tajjeb u dan minħabba li l-qorti li tkun tat is-sentenza (dan jgħodd għall-Qorti tal-Maġistrati u għall-Qorti tal-Appell Kriminali) hija awtorità pubblika.

»1.24 Konsegwentement, il-konklużjoni li r-rikorrent kellu smigħ xieraq hija żbaljata u għandha tiġi revokata, bl-ispejjeż kontra l-intimat Avukat Ġenerali.«

15. L-analisi ta' dan l-aggravju għandha, fil-fehma ta' din il-qorti, ssir taħt żewġ ipotesijiet: i. l-ipotesi li għadu mhux determinat jekk ix-xiehda li bis-saħħa tagħha l-attur instab ħati kinitx falza, kif kienet is-sitwazzjoni meta nfetħet il-kawża; u ii. l-ipotesi li wara s-sejbien ta' ħtija jkun ġiet ġudizzjarjament determinat, f'kawża kontra x-xhud, li dik ix-xiehda kienet falza, kif hija s-sitwazzjoni llum. Dan qiegħed jingħad għalkemm l-attur isejjes l-ilment tiegħu l-aktar jekk mhux għal kollox fuq it-tieni ipotesi, *viz.* li l-fatt waħdu li ngħatat xiehda falza li twemmnet huwa biżżejjed biex jingħad li l-attur ma ngħatax smigħ xieraq.

16. Nibdew bl-ewwel ipotesi.

17. Sewwa osservat l-ewwel qorti illi:

»… … … is-setgħat ta' din il-qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-

rigward, xogħol din il-qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom. B'mod partikolari ngħad li ".. .. d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenza fil-mertu, iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-qorti, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea"[6]. Il-qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq tista' madankollu tifli l-atti proċesswali tal-kawża li fiha jitnissel dak l-ilment u kif ukoll il-mertu maqtugħ f'dak il-proċediment, safejn l-ilment jimpinġi fuq xi jedd tal-individwu li r-raġunament tal-qorti kien arbitrarju jew irraġonevoli għal kollox. Imma, il-fatt waħdu li r-rikorrent jisħaq li huwa innoċenti tal-akkużi li dwarhom instab ħati ma jissarrafx fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Jeħtieġ jintwerew raġunijiet aqwa minn hekk u l-piż li jintwerew dawn ir-raġunijiet jaqa' fuq ir-rikorrent li jallega l-ksur tal-jedd.«

18. Din hija espressjoni tad-dottrina tar-raba' (jew it-tielet, fil-każ tagħna) istanza, li tgħid li, bħala regola, qorti li tiġġudika dwar jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq ma tissostitwixix l-apprezzament tagħha tal-fatti għal dak magħmul mill-qorti li iġġudikat fuq il-fatti.

»36. [La Cour] rappelle que sa mission ne consiste pas à se prononcer sur le point de savoir si des dépositions de témoins ont été à bon droit admises comme preuves mais à rechercher si la procédure considérée dans son ensemble, y compris le mode de présentation des moyens de preuve, a revêtu un caractère équitable (voir, entre autres, *Van Mechelen et autres* … § 50).

»37. A cet égard, les éléments de preuve doivent normalement être produits devant l'accusé en audience publique, en vue d'un débat contradictoire, … … …

»… … …

»41. Certes, il n'appartient assurément pas à la Cour de se prononcer, par principe, sur l'appréciation de la culpabilité du requérant ni sur la valeur probante des dépositions litigieuses à cet égard.«[7]

---

6 *J.E.M. Investments Limited v.* Avukat Ġenerali *et*, Kost. 30 ta' Settembru 2011,

7 Orhan Çaçan v. it-Turkija, Q.E.D.B. rik. nº 26437/04, 23 ta' Marzu 2010.

19. Naturalment, kif sewwa osservat ukoll l-ewwel qorti, dan igħodd sa-kemm ma jintweriex li l-proċess kien kontaminat bi skorrettezzi proċedurali hekk gravi li parti ma ngħatatx fakoltà xierqa jew daqs il-parti l-oħra li tressaq il-każ tagħha, bħal meta xiehda mressqa minn parti tiġi kapriċċożament imwarrba.

20. Fil-każ ta' <u>Orhan Çaçan</u>, li minnu ttieħdet is-silta miġjuba fuq, Orhan Çaçan kien instab ħati ta' omiċidju bis-saħħa ta' xiehda mogħtija minn ċertu Cahit Tekin. Wara li xehed iżda qabel ma nqatgħet il-kawża, dan ix-xhud kien stqarr f'ittra lill-president tal-qorti illi x-xiehda tiegħu ma kellhiex mis-sewwa, u talab li jitħalla jerġa' jixhed biex isewwi x-xiehda tiegħu. Madankollu għalkemm issejjaħ biex jerġa' jixhed u nżammet aktar minn seduta waħda għal dan il-għan, baqa' ma deherx quddiem il-qorti u ma setax jinġieb b'arrest għax l-indirizz tiegħu ma kienx magħruf. Il-qorti għalhekk wara li osservat li ma hux il-każ li dan ix-xhud jerġa' jinstema' qatgħet il-kawża fuq ix-xiehda li kellha fil-proċess u, bis-saħħa tax-xiehda ta' Cahit Tekin, sabet lil Orhan Çaçan ħati.

21. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni għax dehrilha li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-fatt li dan ix-xhud ried jibdel ix-xiehda tiegħu ma kellux jiġi traskurat kif ġie traskurat mill-Qorti Torka:

> »40. Or, dans les circonstances de la cause, la Cour estime qu'une nouvelle comparution de ce témoin clé de l'affaire était nécessaire car il s'était explicitement rétracté et avait complètement changé sa version des faits en cours de procédure de telle sorte que la

> pertinence de ces dépositions était sérieusement devenue sujette à caution. … … …«[8]

22. L-attur jgħid illi xi ħaġa simili ġrat fil-każ tiegħu u illi kienet b'kapriċċ imwarrba xiehda li turi li bintu xehdet il-falz. Igħid illi:

> »F'dan il-kaz, ir-*recantation* ta' bintu ma ġietx aċċettata minn maġistrat infurjata minħabba li l-Ministru tal-Ġustizzja kien talab lill-Avukat tat-Tfal titkellem mat-tifla. Il-maġistrat spiċċat tirrabja ħafna mal-Avukat tat-Tfal talli din irċeviet struzzjonijiet mingħand il-ministru biex tkellem lit-tifla, bhallikieku l-Avukat tat-Tfal għamlet xi ħaġa ħażina. Minħabba li kien il-ministru li ħa l-inizjattiva biex l-Avukat tat-Tfal titkellem mat-tifla l-maġistrat ma tilfet [*sic*] is-serenità tal-ġudizzju u spiċċat titfa' 'l barra t-testimonjanza tal-Avukat tat-Tfal u n-notamenti dettaljati tagħha dwar id-dikjarazzjonijiet tat-tifla«

23. Jekk taqra din is-silta biss bla ma tkun rajt ukoll l-atti, tasal biex taħseb illi dan l-episodju spiċċa billi maġistrat "infurjata" irrifjutat li tisma' aktar dwar ix-xiehda tat-tifla. Dan iżda ma hu minnu xejn. L-episodju msemmi f'din is-silta seħħ fit-22 ta' Novembru 2007[9]. Li ġara hu illi lill-qorti dehrilha li ma kellux isir indħil mill-esekuttiv fil-proċess ġudizzjarju u għalhekk ma ħallietx li tiddaħħal fil-proċess xiehda li ma tteħditx regolarment taħt il-kontroll tal-qorti. Madankollu, billi dehrilha illi l-fatt allegat – *viz.* illi t-tifla riedet tibdel ix-xiehda tagħha – kien relevanti jekk mhux ukoll determinanti għall-każ, ordnat illi t-tifla terġa' tinġieb biex tixhed, din id-darba taħt il-kontroll tal-qorti, u ordnat li tixhed ukoll l-Avukat tat-Tfal li kienet semgħet lit-tifa fuq struzzjonijiet tal-ministru. Xehdu u sar ukoll konfront bejniethom. It-tifla baqgħet iżżomm il-verżjoni oriġinali tagħha*, i.e.* li l-attur immolestaha, u qalet ukoll lil lill-Avukat tat-Tfal kienet qaltilha li dak li xehdet ma kienx minnu għax iddejjqet tiela' u nieżla l-qorti u għax in-nanniet (li kienu ħaduha għand

---

8 *Ibid.*

9 *Foll.* 1019 *et seqq.* (vol. VI) tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati.

l-Avukat tat-Tfal) kienu wegħduha rigal jekk tieħu lura dak li xehdet kontra l-attur[10]:

> »… … … meta mort [għand in-nanniet] għidtilhom li jiena ddejjaqt mill-qorti u għidtilhom "hemm mod kif tistgħu tgħinuni?" Qaluli li hemm mod. Qaluli mmorru għand avukata u ngħid li mhux vera, biex naqtagħha din tal-qorti jekk ngħid li mhux vera, u jekk ngħid li hu vera nkompli bil-qorti. … … … Imbagħad mort għand l-avukata … … … u għidtilha li mhux vera. Imma fil-fond ta' qalbi jiena kont naf li vera. … … … Jiena dak kollu għidtu biex neħles mill-qorti. It-tieni ħaġa għax qaluli li ser ikolli l-*mobile* u jien emminthom. … … …«

24. Dan baqgħet ittennih kemm-il darba, ukoll meta magħfusa bil-mistoqsijiet li sarulha u meta konfrontata mal-Avukat tat-Tfal, u għalkemm xehdet ukoll li kienet magħfusa min-nanniet biex tiċħad dak li kienet qalet dwar l-attur.

25. Ma jistax jingħad, kif ipprova jagħti x'tifhem l-attur, li l-qorti ma tat ebda importanza lill-informazzjoni li t-tifla riedet tibdel il-verżjoni tagħha; anzi, investigatha bir-reqqa u fil-fond biex setgħet tasal għal ġudizzju dwar x'kellha temmen u x'ma kellhiex temmen. Barra minn hekk tqabbdu wkoll esperti – psikjatra u psikologu – li r-rapporti tagħhom għenu lill-qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk it-tifla setgħetx titwemmen. Relevanti l-osservazzjoni li għamel it-Tabib Psikjatra George Debono meta qal illi "… … … ħaġa oħra li ħarġet li per eżempju meta bdejt ngħidilha meta bdew l-affarijiet u hekk, ma kinitx ċerta fiż-żmien. Illi dik indikazzjoni wkoll li mhix qiegħda tigdeb … għax it-tfal ma jkollhom kunċett ċar taż-żmien"[11].

---

[10] *Ibid. foll.* 1058 *et seqq.*

[11] *Ibid. fol.* 979.

26. Fid-dawl ta' dak kollu li seħħ matul il-proċess kriminali ma jistax jingħad illi d-deċiżjoni li waslu għaliha dawk il-qrati kienet waħda li ma setgħux raġonevolment waslu għaliha jew li kienet imsejsa fuq irregolaritajiet proċedurali serji. Ċertament ma jistax jingħad, kif qal l-attur, illi l-kundanna tiegħu kienet "*a conviction on weak evidence*".

27. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti li ma tara ebda nuqqas fil-mod kif imxew il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Ma warrbu ebda xiehda relevanti, u taw lix-xiehda kollha l-piż mistħoqq; ma ċaħħdu lill-attur minn ebda opportunità biex iressaq il-każ tiegħu, milli jagħmel kontro-eżami tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u milli jressaq ix-xhieda tiegħu.

28. Ngħaddu issa għat-tieni ipotesi, *i.e.* issa li hemm sentenza finali li tgħid illi t-tifla ma qalitx is-sewwa. Dan il-fatt waħdu, igħid l-attur, ifisser li ma ngħatax smigħ xieraq.

29. Il-qorti ma taqbilx. Il-fatt li, wara li jkun eżaminat u kontro-eżaminat bil-garanziji kollha li jagħti l-proċess ġudizjarju mmexxi kif trid il-liġi u l-proċedura, ikun twemmen xhud li ma kellux jitwemmen jista' jfisser illi l-attur instab ħati ħażin iżda ma jfissirx li ma ngħatax smigħ xieraq. Il-garanziji li jagħti l-art. 6 huwa dwar il-korrettezza tal-proċess u mhux dwar il-korrettezza tar-riżultat, appuntu għax il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma humiex qrati ta' appell minn deċiżjonijiet tal-qrati ordinarji. Mhux kull sentenza "ħażina" hija ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Jekk, kif rajna fuq, il-proċess ikun tmexxa b'għaqal u b'ħarsien tal-garanziji proċedurali, il-fatt li s-sentenza li tingħata tkun ħażina jew,

aħjar, inkompatibbli ma' sentenza oħra fi proċeduri oħra dwar persuni oħra, ma jfissirx *ipso facto* ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

30. Imbagħad f'dan il-każ tallum huwa pjuttost ironiku li jingħad, kif qal l-attur, illi "peress li s-sentenza li ppronunzjat li bint ir-rikorrent tat xiehda falza fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu issa għaddiet in ġudikat, din issa tagħmel stat *erga omnes*: *res judicata pro veritate habetur*". Is-sentenza ma tagħmilx "stat *erga omnes*" iżda biss bejn il-partijiet fil-proċess li fih ingħatat is-sentenza. Ukoll, bl-istess loġika jista' jingħad illi s-sentenza kontra l-attur, li fiha twemmnet bintu, hija daqstant ieħor *res iudicata*. Iżda l-argument tal-attur hu illi qatt ma jista' jkun hemm *res iudicata*, għax dejjem jista' jinstab li xhud kien xehed falz u għalhekk ma jistgħu jinqatgħu qatt finalment il-kawżi għax biex ikun tħares is-smigħ xieraq ikollha dejjem tinżamm miftuħa l-possibilità ta' stħarriġ dwar jekk xhud xehedx il-falz jew le.

31. Barra minn hekk, mhux irrelevanti li jingħad illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lit-tifla ħatja fuq ammissjoni tagħha, bla ma semgħet xiehda oħra u għalkemm, kif rajna, ġà kien ħareġ, fil-kawża kontra l-missier, illi kienet saret pressjoni fuq it-tifla biex tieħu lura dak li xehdet kontra missierha. Appella l-Avukat Ġenerali – u nħolqot sitwazzjoni anomala fejn l-Avukat Ġenerali appella kontra s-sejbien ta' ħtija waqt li d-difiża argumentat "bis-saħħa kollha" favur il-ħtija – għax lill-Avukat Ġenerali deherlu li fiċ-ċirkostanzi l-qorti kellha tapplika l-art. 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali[12], iżda dan l-appell ġie miċħud, mhux fil-meritu,

[12] **392A** (3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm

iżda għax qabel ma sar l-appell ma ngħatax l-avviż bil-miktub li jrid l-art. 414(1) tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm għandu jingħad ukoll, għall-kompletezza, illi l-Qorti tal-Appell Kriminali żiedet tgħid, *obiter*, illi kienet "tal-fehma li l-ammissjoni tal-appellata kienet waħda ħielsa u inkondizzjonata".

32. Kif rajna, ix-xiehda ta' bint l-attur fil-kawża kontra l-attur kienet konvinċenti, ukoll meta magħfusa b'mistoqsijiet. Ħlief għall-episodju meta ġiet interrogata mill-Avukat tat-Tfal, kienet ukoll konsistenti meta xehdet dwar dak li qalet li seħħ bejnha u l-attur. Il-qorti kienet konxja tal-episodju fejn it-tifla ħadet lura dak li qalet, u, kontra l-impressjoni li jfittex li jagħti l-attur, qieset fil-fond u bil-għaqal dak l-episodju, konxja wkoll tal-fatt illi f'kuntest bħal dak tal-każ tallum l-ulied jistgħu faċilment ikunu u fil-fatt kienu soġġetti għal pressjoni minn naħa u minn oħra. Ir-raġunijiet li tat it-tifla għala qalet dak li qalet lill-Avukat tat-Tfal kienu konvinċenti. Ma hemm xejn xi tlum fil-proċess li bih il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tagħhom ukoll jekk jista' jkun li waslu għall-konklużjoni żbaljata. L-art. 6 iżda jiggarantixxi l-proċess, mhux ir-riżultat.

33. L-aggravju tal-attur, safejn jolqot l-imġiba tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, huwa għalhekk miċħud.

34. Ngħaddu issa għall-aggravju dwar l-imġieba tal-konvenuta Spettur Calleja, li ġie mfisser hekk:

---

l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'il quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.

»2. Kuntrarjament għal dak li irriteniet l-ewwel onorabbli qorti, l-Ispettur tal-Pulizija Louise Calleja kellha responsabbiltà serja għal dak li ġara.

»2.1 Id-differenza bejn l-Ispettur Louise Calleja u l-Ispettur Sandro Camilleri (li ressaq lil bint u lil mart ir-rikorrent mixlijin quddiem il-qorti) fil-kuntest tal-każ preżenti kienet illi l-Ispettur Sandro Calleja [Camilleri?] ta widen għal dak li bdiet tisħaq fuqu d-difiża dwar l-innoċenza tar-rikorrent, filwaqt li l-Ispettur Louise Calleja – għalkemm semgħet lid-difiża tisħaq dwar l-innoċenza tar-rikorrent u murija provi ta' dan – għażlet li tinjora dak li kien qed jgħidilha r-rikorrent u l-avukat difensur tiegħu. Biżżejjed li wieħed jeżamina l-istqarrija tar-rikorrent, li mill-bidu nett (kien għadu lanqas ġie mixli fil-qorti) stqarr il-verità kollha quddiem par widnejn torox.

»2.2 Fil-każ odjern, l-Ispettur Louise Calleja kellha r-rwol ta' arkitett ta' proċediment penali li nbeda minnha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sentejn wara li beda jiġi investigat il-każ minnha (2002 sa 2004) minkejja li kellha r-riżultat ta' *gynaecological examination* li kien jgħid li bint ir-rikorrent kienet *virgo intacta* avolja hija kienet qed tgħid li missierha abbuża minnha sesswalment mhux darba jew tnejn iżda għal ħames darbiet! Kif jista' jingħad illi l-Ispettur Louise Calleja aġixxiet korrettement? L-imġiba tagħha ċertament ma kenitx konformi ma' *standards of justice* li hija mistennija li tħaddan u tikkonforma ruħha magħhom fil-qadi tad-dmirijiet tagħha.

»2.3 Anki meta t-tifla saret suwiċidjali u ppruvat tagħmel ħsara lilha nfisha billi taqbeż minn tieqa waqt li kienet l-iskola u kellha tiġi ammessa fl-Isptar *Monte Carmeli* fejn inżammet diversi ġranet, l-uffiċjal prosekutur Spettur Louise Calleja żammet dan mistur u la infurmat lill-Qorti tal-Maġistrati u wisq inqas lid-difiża. Dan jikkostitwixxi soppressjoni ta' provi in kwantu l-istat suwiċidjali u ż-żamma tat-tifla taħt kustodja sorveljata fl-Isptar *Monte Carmeli* kienu fatti magħrufa lilha iżda mhux magħrufa lid-difiża u, iktar gravi minn hekk, lanqas lill-Qorti tal-Maġistrati. Meta d-difiża saret taf dawn il-fatti, l-Ispettur Louise Calleja żammet ruħha siekta biex ma tinkixifx l-illegalità mwettqa billi naqset li tinforma lill-qorti u lid-difiża.

»2.4 Huwa inutili li l-Ispettur Louise Calleja tibqa' tgħid li ma mxietx b'malizzja, għaliex l-imġiba tagħha hija elokwenti u ma tħallihiex tinħeba. Difatti, meta bdew isiru ħafna rapporti li bint ir-rikorrent kienet ġiet mitfugħa 'l barra mid-dar minn ommha, jew li t-tifla ħarbet mid-dar, jew li t-tifel (li għadda għal Ħajja Aħjar) kien raqad fl-Għassa tal-Pulizija għax kien ser jorqod fuq bank fil-pjazza ġewwa Marsaxlokk sakemm jisbaħ sabiex ikun jista' jmur iħabbat il-bieb ta' nanntu, l-Ispettur Louise Calleja – spettur anzjan fil-*Vice Squad* – qalet li ma rat l-ebda rapport ħlief wieħed fejn kien irrappurtat li t-tifla kienet *missing person*. Dan kien rapport li fih hemm imniżżel li hija ġiet infurmata. Rigward ir-rapporti l-oħrajn kollha, hija xehdet li qatt ma ġew quddiem għajnejha. Kien minħabba f'hekk li d-difiża qaltilha li ma ratx l-iljunfant fil-kamra!

»2.5 Għalhekk, ir-rikorrent qed jappella wkoll mid-deċiżjoni[13] li biha ġiet respinta t-talba biex jiġu esibiti sensiela ta' rapporti li l-Ispettur

[13] Fil-fatt ma jidher li kien hemm ebda deċiżjoni bħal dik li jsemmi l-attur; ara. para. 11 *et seq.*, *supra*.

Calleja xehdet li ma kenitx taf bihom avolja kienet spettur anzjan fl-Iskwadra kontra l-Vizzji!

»2.6 Wieħed kien jistenna li bħala uffiċjal prosekutur hija terfa' r-responsabbiltà minn jeddha u titlob apoloġija għas-sehem tagħha fil-proċess, iżda minflok hija ħarġet b'dikjarazzjoni arroganti u insolent illi hija baqgħet temmen ix-xiehda sperġurata ta' bint ir-rikorrent, sempliċement biex ma tbaxxix rasha għas-sewwa. U issa, biex tiġbed is-simpatija, qed tgħid li r-rikorrent fittixha personalment għal €400,000, meta taf li din hija t-talba għall-ħlas ta' kumpens magħmula kontra l-Istat

»2.7 Meta bint ir-rikorrent kienet fi stat ta' disperazzjoni minħabba għemilha waqt li kienet qed tinżamm *f'Dar Fejda*, u riedet tkellem lil missierha fil-preżenza tal-pulizija, l-Ispettur Louise Calleja kienet infurmata. Tant kienet taf li r-rikorrent kien innoċenti li hija ġiet tinjora kompletament il-kundizzjonijiet imposti mill-qorti u bagħtet il-pulizija biex ikunu preżenti u jinfurmawha bl-andament.

»2.8 Imbagħad kien hemm l-episodju meta bint ir-rikorrent insistiet li tmur il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija biex tgħid lill-pulizija li ma kienx veru li missierha kien abbuża minnha, u fil-fatt marret fl-uffiċċju tal-Iskwadra tal-Vizzji u kellmet lis-subalterni tal-Ispettur Calleja peress li l-Ispettur ma kenitx hemm dak il-ħin, u qaltilhom dak li marret biex tgħidilhom. Dawn is-subalterni rreferew kulma qaltilhom Leanne Camilleri lill-Ispettur Calleja u din ma għamlet xejn biex tinforma lill-qorti jew biex almenu tibgħat għal bintu biex terġa' tkellimha fuq dak li stqarret lill-pulizija. Daqstant "mxiet bil-galbu" l-Ispettur Calleja!

»2.9 Fejn "ikkollaborat" l-Ispettur Calleja meta t-tifla ppruvat taqbeż minn tieqa ġewwa l-iskola u kellha tiġi meħuda fit-taqsima tal-Isptar *Mount Carmel* biex ma titħalliex tagħmel ħsara lilha nfisha? L-Ispettur Calleja ġiet infurmata mis-*social workers* u mill-i*staff* tal-Isptar *Mount Carmel* u ħbiet dan kollu sija mill-qorti u sija mid-difiża! Meta "għamlet il-parti tagħha" l-Ispettur Calleja? Kienet id-difiża li nfurmat lill-Qorti tal-Maġistrati dwar dak li kien seħħ. U x'għamlet il-Qorti tal-Maġistrati dwar dak li seħħ?

»2.10 Ir-rikorrent ma kellux għalfejn "jasal biex jattakka lill-uffiċjal prosekutur fil-każ tiegħu" mingħajr ġustifikazzjoni ladarba huwa ħarrek lill-Korp tal-Pulizija. Ir-raġuni għala hija ġiet imħarrka wkoll hi minħabba r-responsabbiltà tagħha b'riżultat dirett tal-imġiba tagħha.«

35. L-attur igħid illi l-Ispettur Calleja naqset għax: i. ma emmnitux meta saħaq li hu innoċenti; ii. baqgħet ma emmnitux meta kellha prova tal-innoċenza tiegħu meta l-espert mediku xehed li t-tifla kienet *virgo intacta*; iii. ma għarrfitx lill-qorti li t-tiflha kienet għamlet tentativ ta' suwiċidju; u iv. ma qisitx l-okkażjonijiet meta t-tifla fittxet li tieħu lura dak li xehdet kontra l-attur.

36. Joqrob lejn l-assurd li tgħid li l-prosekutur jikser il-jedd tal-mixli għal smigħ xieraq għax ma jemmnux meta "jisħaq" illi huwa innoċenti, u għalhekk ikompli jmexxi l-prosekuzzjoni, bħallikieku huwa biss f'każ ta' ammissjoni li tista' titmexxa l-prosekuzzjoni. L-attur iżda jgħid illi l-Ispettur Calleja xorta baqgħet ma emmnitux meta kellha l-prova tal-innoċenza tiegħu meta kellha xiehda medika li tgħid illi t-tifla kienet *virgo intacta*. Li ma huwiex qiegħed igħid l-attur hu illi l-espert mediku qalet ukoll illi:

> »In sexual abuse, up to 40-50% of cases, there will not be any findings. That is not said by me: by the Royal College of Physicians …«[14]

37. Fiċ-ċirkostanzi, u bil-provi miksuba sa dak il-waqt, l-ispettur kienet tonqos li kieku ma mexxietx bil-prosekuzzjoni u mhux li kieku emmnet lill-attur u waqfet hemm, aktar u aktar meta tqis il-vulnerabilità ta' dik li f'dak il-waqt kienet tidher li hija vittima.

38. L-attur igħid ukoll illi l-ispettur żammet lura xi xiehda.

39. Huwa minnu li l-prosekuzzjoni għandha tressaq ix-xiehda kollha li titfa' dawl fuq il-każ, kemm kontra u kemm favur l-attur, u jista' jkun li sejbien ta' ħtija jkun vizzjat jekk fatti relevanti ma jinġibux quddiem il-qorti għalkemm magħrufa. Dan igħodd jekk il-fatti jkunu relevanti – mhux kull fatt li remotament imiss mal-każ huwa meħtieġ li jinġieb quddiem il-qorti – u jekk dawk il-fatti jibqgħu ma jinġibux quddiem il-qorti: in-nuqqas, jekk ikun hemm, jiġi sanat jekk il-fatti relevanti jinġiebu quddiem il-qorti, ukoll jekk *aliunde*, bħal ma ġara fil-każ ta'

[14] *Fol.* 33 *et seqq.* (vol. I) tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati.

tentativ ta' suwiċidju tat-tifla, li l-ispettur ma għarrfitx lill-qorti bih għax lanqas hi ma kienet taf bih.

40. Dan fissritu l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ Edwards *v.* Ir-Renju Unit[15]:

> »33. The Court recalls that the guarantees in paragraph 3 of Article 6 (art. 6-3) are specific aspects of the right to a fair trial set forth in paragraph 1 (art. 6-1). … … …
>
> »34. In so doing, the Court must consider the proceedings as a whole including the decision of the appellate court … … …
>
> »35. The applicant's conviction was based mainly on police evidence, which he contested, that he had confessed to the offences. It subsequently came to light that certain facts had not been disclosed by the police to the defence which would have enabled it to attack the credibility and veracity of police testimony.
>
> »36. The Court considers that it is a requirement of fairness under paragraph 1 of Article 6 (art. 6-1) … that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence for or against the accused and that the failure to do so in the present case gave rise to a defect in the trial proceedings. However, when this was discovered, the Secretary of State, following an independent police investigation, referred the case to the Court of Appeal which examined the transcript of the trial including the applicant's alleged confession and considered in detail the impact of the new information on the conviction.
>
> »37. In the proceedings before the Court of Appeal the applicant was represented by senior and junior counsel who had every opportunity to seek to persuade the court that the conviction should not stand in view of the evidence of non-disclosure. Admittedly the police officers who had given evidence at the trial were not heard by the Court of Appeal. It was, none the less, open to counsel for the applicant to make an application to the Court - which they chose not to do - that the police officers be called as witnesses.
>
> »… … …
>
> »39. Having regard to the above, the Court concludes that the defects of the original trial were remedied by the subsequent procedure before the Court of Appeal. Moreover, there is no indication that the proceedings before the Court of Appeal were in any respect unfair.
>
> »Accordingly there has been no breach of Article 6 (art. 6).«

41. Fil-każ tallum il-fatti kollha – fosthom ukoll dawk li setgħu tefgħu dubju fuq il-kredibilità tat-tifla – inġiebu mhux fi stadju ta' appell iżda ġà

15 16 ta' Diċembru 1992, rik. 13071/87.

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li, kif rajna, qieset il-fatti kollha fil-fond u bil-għaqal, megħjuna wkoll, kif hu xieraq, b'difiża akkanita. Xejn fl-imġieba tal-ispettur ma kien ta' tfixkil għall-qorti fit-tfittxija għall-verità.

42. L-attur ikompli jixli lill-ispettur illi ma qisitx l-okkażjonijiet meta t-tifla fittxet li tieħu lura dak li xehdet kontra l-attur. Iżda l-fatt li l-ispettur saret taf li t-tifla fittxet li tieħu lura dak li xehdet ma jfissirx li saret taf li l-attur ma kienx ħati u li għalhekk kellha twaqqaf il-prosekuzzjoni. Dan il-fatt, kif rajna, inġieb quddiem il-qorti li, wara li qisitu kif imiss, mhux biss ma dehrilhiex li kellha titwaqqaf il-prosekuzzjoni iżda wkoll li minkejja dak l-episodju kellha temmen l-ewwel verżjoni tat-tifla. Wara kollox, kienet il-qorti u mhux l-ispettur li iddeċidiet dwar il-ħtija.

43. Fiċ-ċirkostanzi kif kienu fiż-żmien li mexxiet il-prosekuzzjoni, l-Ispettur Calleja mxiet b'għaqal u responsabilità, bla ma b'ebda mod fittxet li tqarraq bil-qorti; anzi, jista' jingħad ukoll illi f'dawk iċ-ċirkostanzi, x'aktarx li kienet tonqos li kieku ma mexxietx bil-prosekuzzjoni milli kieku kompliet tmexxiha.

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-aggravju tal-attur dwar l-Ispettur Calleja għandu jiġi miċħud.

45. Fl-aħħar aggravju tiegħu l-attur igħid illi għandu jingħata kumpens kif igħid l-art. 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ["is-Seba' Protokoll"]:

> »Artikolu 3 - Kumpens għal sejbien ta' ħtija mhux kif imiss
>
> »Meta persuna tkun b'deċiżjoni finali nsabet ħatja ta' reat kriminali u meta sussegwentement is-sejbien tagħha ta' ħtija jkun ġie rivertit, jew tkun ingħatat il-maħfra, minħabba f'li xi fatt ġdid jew li jkun għadu kemm ġie mikxuf ikun juri konklużivament li kien hemm nuqqas ta' ġustizzja magħmula mill-qorti, il-persuna li tkun ġarrbet il-piena bħala

riżultat ta' dak is-sejbien ta' ħtija għandha tingħata kumpens skont il-liġi jew il-prattika tal-Istat inkwistjoni, kemm-il darba ma tinġiebx prova li n-nuqqas ta' żvelar tal-fatt mhux konoxxut fil-ħin ikun għalkollox jew f'parti minnu attribwibbli għal dik l-istess persuna.«

46. L-attur fisser l-aggravju hekk:

»3. Illi meta nbdiet dina l-kawża, ir-rikorrent kien għadu jiskonta s-sentenza ta' priġunerija, bintu ma kenitx għadha tressqet il-qorti u lanqas martu. Bis-sentenza fil-kontront ta' bintu li għaddiet in ġudikat wara sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-innoċenza tiegħu ġiet stabbilita b'mod definit.

»3.1 Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra hawn fuq esposti, aggravju ieħor tar-rikorrent huwa li l-ewwel onorabbli qorti naqset li tapplika fil-konfront tiegħu l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kapitolu 319) dwar "Kumpens għal sejbien ta' ħtija mhux kif imiss":

»3.2 Illi l-ewwel onorabbli qorti kellha tapplika l-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-Kap. 319 fl-intier tieghu, *stante* li f'dan ir-rigward l-obbligu legali li jsir il-ħlas ta' kumpens kien jinsorġi kemm mill-Konvenzjoni Ewropeja bħala trattat internazzjonali, kif ukoll mill-Att tal-Parlament li llum huwa l-Kap. 319.

»3.3 Dan l-artikolu japplika irrispettivament mill-kwistjoni ta' smigħ xieraq. Filwaqt li r-rikorrent jisħaq li l-aggravji l-oħra tiegħu huma ġustifikati u għandhom jiġu milqugħa, l-imsemmi artikolu 3 tas-Seba' Protokoll kellu jiġi applikat mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Ta' min isemmi li d-Dikjarazzjoni u Riżervi magħmulin mill-Gvern ta' Malta meta ġew iffirmati l-Konvenzjoni u l-Protokoll (12 ta' Diċembru 1966) ukoll jitkellmu fuq l-artikolu 3. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet kollha għall-ħlas ta' kumpens lir-rikorrent jinsabu pjenament sodisfatti.

»3.4 Għaldaqstant, dejjem bla preġudizzju għall-aggravji hawn fuq esposti, u indipendentement mill-vertenza dwar jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le (ir-rikorrent isostni li ma kienx hemm smigħ xieraq), l-istat huwa marbut bl-istess Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta li jħallas kumpens lir-rikorrent.«

47. Dan l-aggravju huwa marbut mal-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali, hekk illi l-qorti hija tal-fehma illi għandha tqis flimkien l-aħħar aggravju tal-attur u l-aggravju tal-appell inċidentali.

48. L-Avukat Ġenerali wieġeb għall-aggravju tal-attur u fisser l-appell inċidentali tiegħu hekk:

» Illi t-tielet aggravju huwa bbażat fuq l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-appellant jargumenta li l-ewwel onorabbli qotti naqset meta ma applikatx dan l-artikolu fil-każ tal-appellant.

»L-appellati jissottomettu li dan l-aggravju jbiddel radikalment il-kawżali u n-natura ta' dina l-azzjoni għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien qed jallega ksur tal-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Konsegwentement mhuwiex leċitu li f'dan l-istadju tal-appell l-appellant jaqbad u jibdel ir-rotta tal-azzjoni tiegħu. Għaldaqstant, l-appellati jitolbu lil dina l-onorabbli qorti sabiex tibqa' fil-limiti tat-talbiet tal-appellant kif devoluti fir-rikors promotur u ma tavventurax ruħha fuq din il-kwistjoni li mhijiex u qatt ma kienet parti ta' din il-kontestazzjoni.

»Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellati jissottomettu li dan l-artikolu kull ma jipprovdi huwa obbligu fuq l-istat li jaħseb għall-mekkaniżmu sabiex persuna li tkun ġarrbet il-piena bħala riżultat ta' sejbien ta' ħtija għandha tingħata kumpens skont il-liġi jew il-prattika tal-istat in kwistjoni. Illi dan il-mekkaniżmu jinsab u huwa stabbilit fl-artikolu 4A tal-Kap. 319 li jipprovdi r-regoli speċjali applikabbli fir-rigward tal-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Dawn ir-regoli jipprovdu għall-massimu ta' € 23,293.73 li persuna tista' tottjeni bi qbil bejn il-partijiet u f'każ ta' diżgwid għandu jsir rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorli Ċivili fi żmien sitt xhur mid-data meta s-sejbien ta' ħtija jkun ġie rivertit jew mid-data tal-maħfra. Is-subinċiż (3) tal-artikolu 4A tal-Kap. 319 jahseb għal dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Illi dan ifisser ukoll li qabel ma jadixxi lill-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali, l-appellant kellu l-obbligu li jeżawrixxi r-rimedju ordinarju mahsub sabiex jottjeni l-kumpens mitlub minnu.

»L-appellati jissottomettu wkoll li fi-każ odjern l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll ma japplikax *stante* li l-presupposti maħsuba f'dak l-artikolu ma japplikawx.

»Illi jsegwi għalhekk li anje dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

»Kwantu għall-appell inċidentali

»… … …

»Illi permezz tal-preżenti appell inċidentali l-appellati qegħdin jitolbu r-riforma tas-sentenza appellata billi din tiġi mħassra u revokata in kwantu ordnat it-tħassir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru 2011 u kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali mogħija fit-2 ta' Mejju 2013 fl-atti tal-kawża fl-ismjiet Il-Pulizija (Spett. Louise Calleja) *v.* Emanuel Camilleri u fejn ordnat it-tħassir ta' isem l-appellant mir-Reġistru tal-Pedofili abbażi tal-imsemmija sentenzi, u billi tikkonfermaha fil-kumplament tagħha.

»… … …

»Illi l-motivi ta' gravam tal-esponenti kontra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Settembru 2016 huma s-segwenti:

»Illi l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta tat rimedju lir-rikorrent u dan meta l-istess qorti ma rravviżat l-ebda ksur tal-ebda artikolu invokat mir-rikorrent. L-esponenti jirrilevaw li l-għoti ta' rimedju huwa neċess-

arjament marbut intimament ma' sejbien ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Illi fil-każ ta' nuqqas ta' sejbien ta' ksur awtomatikament ifisser li l-ebda rimedju ma jingħata f'dawk il-proċeduri.

»Illi fil-każ odjern korrettement l-ewwel qorti sabet li r-rikorrent ma kien vittma tal-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu iżda, minflok waqfet hemm kif kienet mitluba li tagħmel anke fir-rikors promotur, l-istess qorti marret *oltre* dak mitlub minnha u għaddiet sabiex tagħti rimedju.

»Illi fil-fehma tal-esponenti t-tħaddim tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 jinneċessita li tinstab vjolazzjoni u kull ordni jew direzzjoni li tingħata mill-qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali tkun ordni jew direzzjoni maħsuba sabiex tirrimedja ksur tad-dritt fundamentali tal-individwu li jkun misjub iżda tali rimedju ma jistax jingħata f'każ li ma jkunx hemm ksur. L-istess isir mill-Qorti Ewropeja, il-*just satisfaction* jingħata biss f'każ ta' sejbien ta' vjolazzjom tal-artikoli konvenzjonali izda ma jingħatax *just satisfaction* jekk jinstab li l-ilment ma jkunx ġustifikat.

»Illi huwa minnu li l-qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandha s-setgħa tagħti kull ordni u tagħti direzzjonijiet li jidhrilha li għandha tagħti iżda dan huwa marbut u ċirkoskritt mas-sejbien ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali u *cioè* tali ordnijiet jinħarġu mas-sejbien ta' vjolazzjoni iżda ċertament li mhux meta jinstab li ma hemm l-ebda vjolazzjoni. Il-liġi nostrana ma tagħti l-ebda poter residwu lill-qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tagħti rimedju waħdu. Li kieku l-leġislatur ried li jagħti dina s-setgħa kien jipprovdi għaliha espressament. Illi fl-ebda regola applikabbli għall-qrati muniti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma nsibu tali poter u għalhekk l-esponenti jirrilevaw li l-ewwel qorti qatt ma setgħet tagħti r-rimedju li tat.«

49. L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa illi la ma nstab ebda ksur ma kellu jingħata ebda rimedju.

50. Madankollu l-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju mhux buiss meta ssib ksur ta' drittijiet fundamentali iżda wkoll meta "ikun x'aktarx ser jiġi miksur" xi dritt bħal dak, u sabiex "tiżgura t-twettiq" tad-dritt.

51. Fil-każ tallum l-ewwel qorti sabet illi kien hemm dubju serju dwar il-ħtija tal-attur u, għalhekk, dwar il-korrettezza tas-sentenzi li sabuh ħati u ikkundannawh għal piena. Li kieku, f'dawk iċ-ċirkostanzi, l-ewwel qorti ma tatx ir-rimedju li tat, *viz.* li tħassar is-sentenzi, kien x'aktarx jasal biex jinkiser id-dritt tal-attur għal-libertà tal-persuna, imħares taħt

l-art. 5 tal-Konvenzjoni, u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, imħares taħt l-art. 8.

52. Forsi kienet tkun aktar korretta l-ewwel qorti li kieku, flok ħassret is-sentenzi ta' sejbien ta' ħtija u waqfet hemm, ordnat illi wara t-tħassir tas-sentenzi l-proċess kontra l-attur jibda mill-ġdid, għax huwa kompitu ta' qorti b'kompetenza kriminali, u mhux ta' qorti b'kompetenza kostituzzjonali, li tiddeċiedi dwar ħtija jew nuqqas ta' ħtija. Jidher illi l-ewwel qorti tat wisq piż lill-insistenza tal-attur illi, wara li s-sentenza kontra bintu saret *res iudicata*, "l-innoċenza tiegħu ġiet stabilita b'mod definit". Li ġara hu li hemm żewġ sentenzi, it-tnejn finali u t-tnejn *res iudicata*, waħda kontra l-attur u l-oħra kontra bintu, li ma humiex kompatibbli ma' xulxin, u għalhekk l-ewwel qorti korrettement – għax fl-interess tal-libertà – ħassret is-sentenza kontra l-attur u l-effetti ta' dik is-sentenza, u dan għalkemm is-sentenza kontra l-attur ingħatat wara smigħ u analiżi fil-fond ta' xiehda u s-sentenza kontra bintu ngħatat bla smigħ ta' xiehda u wara ammissjoni ta' persuna li ġà kien intwera mhux biss li kienet persuna vulnerabbli soġġetta għall-pressjoni ta' min kellu interesi oħra, iżda wkoll li ġà f'okkażjoni oħra kienet ċediet għal dik il-pressjoni u wara sogħob biha li għamlet hekk. Dan ma jfissirx li l-innoċenza tal-attur ġiet "stabilita b'mod definit"; dan jista' jsir biss wara li qorti b'kompetenza kriminali u b'ħarsien sħiħ tal-proċedura kriminali tgħarbel ix-xiehda favur u kontra l-attur fid-dawl tal-fatt li issa ħareġ li bintu nstabet ħatja talli xehdet falz kontrih.

53. Madankollu, il-qorti tifhem illi li jerġa' jinfetah il-proċess illum, ħmistax-il sena wara li allegatament seħħew il-fatti, la jkun fl-interess tal-partijiet u x'aktarx lanqas fl-interess tal-ġustizzja. Għalhekk kienet ukoll għaqlija d-deċiżjoni tal-ewwel qorti li, minkejja n-nuqqas ta' sejbien ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, ħassret is-sentenzi ta' kundanna u waqfet hemm.

54. L-appell inċidentali huwa għalhekk miċħud.

55. Ngħadu issa għall-aħħar aggravju tal-attur dwar kumpens taħt l-art. 3 tas-Seba' Protokoll.

56. Għalkemm huwa minnu illi, kif josserva l-Avukar Ġenerali, l-art. 3 tas-Seba' Protokoll ma kienx invokat mill-attur fir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, dan kien għax, f'dak il-waqt, bintu ma kinitx għadha nstabet ħatja b'sentenza finali, għalkemm għandu jingħad ukoll illi, kif rajna, il-fatt li bintu nstabet ħatja b'sentenza finali ma jfissirx awto-matikament li hija s-sentenza daqstant ieħor finali kontra l-attur li hija s-sentenza ħażina. Għalhekk il-qorti ma tqisx illi l-fatt li t-talba tressqet f'dan l-istadju hija raġuni biżżejjed biex it-talba titwarrab, għalkemm forsi wkoll l-attur kien ikun aktar korrett li kieku talab lill-ewwel qorti tippermetti żjieda fit-talbet, ladarba l-fatt ġdid inkixef meta l-kawża kienet għadha miexja quddiem l-ewwel qorti.

57. Din il-qorti aktar tara ta' ostakolu għat talba tal-attur il-fatt illi l-art. 4A tal-Kap. 319 irid proċedura oħra biex issir talba għal kumpens taħt l-art. 3 tas-Seba' Protokoll:

»**4.** (2) L-ogħla kumpens li jitħallas taħt l-artikolu 3 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għandu jkun ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73). Dak il-kumpens għandu jiġi stabbilit permezz ta' ftehim bejn il-parti li tkun qed titlob dak il-kumpens jew jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dak mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, wara li jsir rikors minn min ikun qed jitlob il-kumpens u li għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data meta s-sejbien ta' ħtija ta' dik il-persuna jkun ġie rivertit jew minn meta dik il-persuna tkun ingħatatilha maħfra.

»(3) Appell minn kif jiġi stabbilit il-kumpens mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell b'rikors li jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin ġumata minn meta jinqata' r-rikors mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla.«

58. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-qorti ma tarax li għandha tqis it-talba tal-attur, ladarba din ma saritx kif irid l-art. 4A.

59. Naturalment, dan qiegħed jingħad bla preġudizzju għall-kwistjoni fil-meritu jekk il-prekondizzjonijiet għall-ħlas tal-kumpens ġewx sodisfatti, ukoll fid-dawl tal-osserazzjoni magħmula minn din il-qorti illi rimedju aktar korrett fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kien ikun mhux biss illi s-sentenza ta' kundanna titħassar iżda li l-proċess jinbeda mill-ġdid.

60. Għal dawn ir-raġunijiet it-tielet aggravju wkoll huwa miaħud.

61. Il-qorti għalhekk tiċħad kemm l-appell ewlieni tal-attur kif ukoll l-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali. L-ispejjeż tal-appell ewlieni jħallashom l-attur u dawk tal-appell inċidentali jħallashom l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df